Please note that for scholastic year 2012/2013

the Form 1 and Form 2 syllabi

as shown below, are no longer valid.

These have been replaced

by the new Form 1 and Form 2 curricula

which can be downloaded from

http://www.curriculum.gov.mt/curriculum_form1.htm

and

http://www.curriculum.gov.mt/curriculum_form2.htm

Is-Sillabi tal-Istorja Skejjel Sekondarji

1. Għanijiet Ġenerali

L-għanijiet ewlenin li għandhom jiggwidaw t-tħaddim ta' dan is-sillabu huma li l-istudenti

- ikunu konxji ta' x'inhi l-istorja u x'inhu l-iskop wara t-tagħlim ta' dan is-suġġett
- isiru konxji li l-istorja hi bbażata fuq tipi differenti ta' evidenza bħal fdalijiet arkeoloġiċi, dokumenti, manuskritti, mapep, ittri, eċċ.
- isiru iżjed konxji mill-wirt storiku f'pajjiżna biex b'hekk japprezzaw iżjed il-bżonn tal-konservazzjoni u r-restawr
- janalizzaw il-passat, biex jifhmu l-implikazzjonijiet tal-preżent u jiffurmaw aspirazzjonijiet għall-futur
- jiksbu ħiliet partikolari bħal ġbir ta' informazzjoni minn sorsi u l-interpretazzjoni tagħhom, janalizzaw it-tibdil u l-kontinwita` matul iż-żminijiet u l-kawżi u l-effetti ta' xi ġrajja, josservaw u jaslu għall-konklużjonijiet, jimmaġinaw lilhom infushom jgħixu fi żmien partikolari fil-passat (empatija) u jiżviluppaw ideja ċara ta' kronoloġija u sekwenza
- jitgħallmu sa fejn hu possibbli permezz ta' esperjenza diretta (*fieldwork* u żjarat f'postijiet storiċi) biex b'hekk it-tagħlim ikun iżjed stimulanti u jibqgħu jiftakru aktar
- isiru konxji li t-tagħlim tal-istorja mhuwiex biss tagħlim akkademiku, iżda mezz biex l-istudenti jwessgħu l-kultura tagħhom
- jagħrfu li bħalma s-soċjeta` inbidlet matul iż-żminijiet u għadha tinbidel, huma għandhom jakkwistaw it-tħejjija meħtieġa biex jaddattaw ruħhom għall-bidliet tal-ġejjieni
- jistudjaw l-istorja ta' Malta f'kuntest iżjed wiesa' jiġifieri fi sfond Mediterranju u Ewropew.

2. Kunċetti u Ħiliet li għandhom ikunu żviluppati

- **Iż-Żmien u l-Kronoloġija.** L-istudenti għandhom ipoġġu l-ġrajjiet storiċi fil-perspettiva taż-żmien. Għalhekk għandhom jikkalkolaw kemm damu diversi ġrajjiet u jikkonsidraw is-sekwenza tagħhom. B'hekk jifhmu aħjar xi jfissru d-dati u jkollhom stampa iżjed ċara ta' kif żvolġew ruħhom il-ġrajjiet.

- **Bidla u Kontinwita'.** L-istudenti għandhom jifhmu t-tibdiliet li għadda minnhom il-bniedem. Billi jifhmu l-aspetti varji ta' differenza u similarita` li għadda minnhom il-bniedem matul iż-żminijiet, huma jsiru iżjed konxji tal-bidla u l-kontinwita`.

- **Kawżi u Konsegwenzi.** L-istorja hi ġrajjet il-bniedem. Għalhekk l-istudenti għandhom jifhmu sewwa għala l-ġrajjiet seħħew u x'kienu l-effetti tagħhom fuq il-ħajja tal-bniedem. Huma għandhom jifhmu sewwa l-kunċett tal-kawżi u konsekwenzi mmedjati u mbiegħda. B'hekk ikunu jistgħu janalizzaw u jevaljaw aħjar it-tagħrif li jkunu qegħdin jieħdu.

- **Empatija.** Meta jempatizzaw, l-istudenti jkunu qegħdin jaħsbu bil-moħħ ta' persuna li kienet tgħix fil-passat. F'eżerċizzju bħal dan l-istudenti jakkwistaw il-ħiliet biex jifhmu dejjem iżjed l-istorja. B'hekk jifhmu aħjar kemm ir-reazzjonijiet u l-attitudnijiet tal-bnedmin li kienu jgħixu f'dak iż-żmien kienu jkunu differenti minn tal-lum.

- **L-użu ta' sorsi.** L-użu ta' sorsi kemm primarji kif ukoll sekondarji għandu jagħmel it-tagħlim tal-istorja iżjed effettiv. L-istudenti jkunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet billi jipprovaw jinferixxu jew jippotizzaw x'dawl jagħtu s-sorsi fuq il-ħajja fl-imgħoddi. Metodu bħal dan li bih l-istudenti jipprovaw jisiltu l-informazzjoni hu mod ħafna iżjed effettiv ta' tagħlim minn dak li jingħataw biss it-tagħrif meħtieġ.

3. It-Tħaddim ta' dan is-sillabu

Għalhekk matul it-tħaddim ta' dan is-sillabu għandha tingħata importanza kontinwa

- lill-kunċetti storiċi u ħiliet li għandhom ikunu żviluppati fl-istudenti
- lit-temi mill-istorja ta' Malta isiru fl-isfond iżjed wiesa' ta' dak Mediterranju u Ewropew
- lill-użu ta' sorsi li jagħmlu it-tagħlim tal-istorja iżjed relevanti u interessanti
- għall-apprezzament ikbar mill-istudenti tal-importanza tas-siti storiċi u l-bżonn tal-konservazzjoni u r-restawr.

N.B. In-noti mogħtija ma dan is-sillabu għandhom iservu bħala għajnuna għall-għalliema. Ma huwiex mistenni li l-istudenti jkunu kapaċi jagħtu lura f'eżami d-dettal kollu li jidher f'xi wħud minn dawn in-noti.

4. Strateġiji

L-għalliem għandu jippreżenta l-lezzjonijiet b'mod stimulanti u interessanti biex l-istudenti jifhmu aħjar il-kunċetti li jkunu qegħdin jiġu spjegati. Jeħtieġ ukoll li fix-xogħol li jingħata lill-istudenti jinżamm bilanċ bejn il-komponenti differenti, li huma:

- **It-Tagħrif** *(recall of knowledge)*
- **Il-Fehma** *(understanding of knowledge)*
- **Il-Ħiliet u l-Attitudnijiet** *(Skills, Competencies and attitudes)*

Biex dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu l-għalliem jista' juża metodoloġija differenti bħal diskussjoni fil-klassi, *role plays* u *drama*, *brainstorming, cassettes*, materjal awdio-viżwali (b'użu tal-kompjuter), *news sheets*, intervisti, logħob simulat, kitba ta' rapporti, xogħol ta' arti u craft, proġetti u żjarat edukattivi. Id-diskussjoni fil-klassi jew f'gruppi għandha wkoll tingħata l-importanza li jixraqilha. B'hekk ikun qiegħed jgħin biex jiżdied l-għarfien, l-interess u l-entużjażmu għall-istorja.

Anki x-xogħol li għandu jingħata lill-istudenti għandu jkun stimulanti u interessanti u jinkludi xogħol ta' riċerka minn sorsi sekondarji dwar xi tema marbuta mas-sillabu. Varjeta` ta' sorsi bħal illustrazzjonijiet, stampi, ritratti, mapep, ir-riga taż-żmien u tabelli oħra jistgħu jintużaw. Jista' jsir xi rapport dwar żjara f'xi sit storiku jew xi mudell ta' xi fdal storiku marbuta ma' xi tema mis-sillabu. Dan jagħmilha iżjed faċli għall-għalliema biex jadottaw sistema ta' assessjar formattiv.

5. Objettivi għall-assessjar

L-assessjar għandu jittestja kemm l-istudenti kapaċi:

- jesprimu fatti storiċi b'forma narrattiva u kreattiva
- jagħtu tagħrif bażiku fuq l-istorja u jiżviluppaw kunċetti u ħiliet marbuta magħha
- iħarsu lejn ġrajjiet minn għajnejn ta' nies li għexu fil-passat (empatija)
- jirrispondu mistoqsijiet marbuta ma' sorsi b'mod konċiż, dirett u relevanti.

Sillabu Għall-Iskejjel Sekondarji

	Wirt Storiku fil-Gżejjer Maltin	Il-Ħajja tal-Maltin matul iż-Zminijiet	Ħakma u Gvern	Sfond Ewro-Mediterranju
Form 1	1.1.1 Introduzzjoni: Studju dwar l-Istorja 1.1.2. Fdalijiet miż-żmien Puniku sa żmien l-Għarab.	1.2.1 Kif setgħet kienet il-ħajja mill-preistorja sal-Għarab (Ħtiġijiet Bażiċi).	1.3.1 Ir-Rumani f'Malta. 1.3.2 L-Għarab f'Malta.	1.4.1 Ċiviltajiet fil-Mediterran. L-Eġittu, il-Feniċi, l-Ġriegi u r-Rumani. 1.4.2 It-twemmin tal-bniedem mill-preistorja sal-Għarab.
Form 2	2.1.1 Fdalijiet taż-żmien Medjevali.	2.2.1 Il-ħajja tal-Maltin fil-Medjuevu.	2.3.1 Malta taħt in-Normani. 2.3.2 It-Tmexxija ta' Malta fi żmien l-Aragoniżi. 2.3.3 Il-miġja tal-Ordni f'Malta u l-Assedju l-Kbir.	2.4.1 Aspetti tal-Istorja Medjevali tal-Ewropa.

Form 3	**3.1.1 Il-belt Valletta.** **3.1.2 Wirt ieħor tal-Kavallieri.** **3.1.3 L-ibliet u l-irħula qodma ta' Malta u Għawdex.**	**3.2.1 Il-Ħajja Ekonomika u Soċjali fi żmien il-Kavallieri.**	**3.3.1 It-Tmexxija ta' Malta fi żmien l-Ordni.** **3.3.2 Żmien il-Franċiżi f'Malta.**	**3.4.1 Il-Kawżi tar-Revoluzzjoni Franċiża u l-effetti tagħha.**
Form 4	**4.1.1 Id-difiża ta' Malta u wirt ieħor ta' żmien il-ħakma Ingliża.**	**4.2.1 Il-ħajja soċjali matul l-aħħar mitejn sena.** **4.2.2 L-iżvilupp demografiku f'Malta fl-aħħar mitejn sena.** **4.2.3 L-ekonomija Maltija matul is-sekli dsatax u għoxrin.**	**4.3.1 Il-Mixja lejn stat independenti.**	**4.4.1 Kawżi u effetti tar-rivoluzzjoni industrijali.** **4.4.2 It-tieni gwerra dinjija.**
Form 5	**5.1.1 Il-Preistorja.**	**5.2.1 Il-karatteristiċi ewlenin tal-kampanja Maltija.**	**5.3.1 L-Identita' Maltija.** **5.3.2 L-użu tal-qagħda stateġika ta' Malta matul iż-żmien.**	**5.4.1 Il-Wirt Arkitettoniku taċ-Ċiviltajiet fil-Mediterran.**

Form 1

1.1.1. Introduzzjoni: Studju dwar l-istorja

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. X'inhi l-istorja u l-użu tas-sorsi	L-istudenti għandhom jifhmu x'inhi l-istorja, l-importanza tagħha u kif din tinkiteb. jifhmu l-importanza tas-sorsi fil-kitba u fit-tagħlim tal-istorja	Il-punti prinċipali huma: • L-arkeologu u x-xogħol tiegħu • Kif l-istorja tgħallimna fuq l-iżvilupp tal-bniedem u kif solva l-problemi li ħabbat wiċċu magħhom. • Min jagħmel l-istorja ➢ nies kbar ➢ avvenimenti kbar ➢ nies komuni bħalna fil-ħajja ta' kuljum • Kif tinkiteb l-istorja ➢ sorsi primarji-affarijiet diretti mill-perjodu li jkun qiegħed jiġi studjat (manuskritti jiġifieri dokumenti oriġinali miktubin bl-idejn, ittri oriġinali, djarji, ritratti, fdalijiet, kuntratti, materjal arkeoloġiku, intervisti ma' nies li kienu nvoluti, eċċ. ➢ sorsi sekondarji-kummenti ta' awturi oħra fuq iż-żmien studjat (artikli, kotba, gazzetti, dokumentarji u materjal ieħor stampat) • Tagħlim tal-istorja aktar effettiv bl-użu tas-sorsi • L-importanza li jiġi identifikat ➢ meta nkiteb is-sors (iż-żmien bejn wieħed u ieħor) ➢ il-kittieb tas-sors (xi preġudizzji jew motivi li seta' jkollu; għaliex kiteb hekk) ➢ x'tagħrif nistgħu nieħdu mis-sors (l-importanza tiegħu)

		• L-arkivji jistgħu jkunu tal-istat (Santu Spirtu r-Rabat u l-Biblijoteka l-Belt), tal-knisja (il-Kurja l-Furjana u l-Mużew tal-Katidral), tal-parroċċi (kull parroċċa għandha l-arkivju tagħha), ta' xi għaqda politika, soċjali jew sportiva jew ta' individwi privati.
b. L-użu tal-empatija	ikunu kapaċi jempatizzaw kif kienet il-ħajja fl-imgħoddi u kif ħassew ruħhom nies prominenti meta ffaċċjati minn ċerti ċirkostanzi.	Il-punti prinċipali huma: • Meta tempatizza tkun qed tifhem dak li jħoss ħaddieħor, tħoss it-tqanqil il-qalb ta' ħaddieħor. • L-użu tal-immaġinazzjoni biex taħseb bil-moħħ ta' persuna li kienet tgħix fil-passat. • Sentimenti tal-bniedem eż. swied il-qalb, biża, imħabba, simpatija u antipatija, ferħ, niket, umiljazzjoni, rabja, uġigħ, eċċ. • Reazzjonijiet u attitudnijiet setgħu kienu differenti minn tal-lum. • Nikkonsidraw kif kienet il-ħajja dak iż-żmien eż. nuqqas ta' kumditajiet, kemm il-bniedem kien mistenni jgħix, l-istint għas-soppravivenza, is-saħħa, l-edukazzjoni, x'tip ta' tmexxija kien hemm, eċċ. • L-importanza tal-istampi mill-imgħoddi li jdaħħluna fid-dinja tal-passat. • Nifhmu il-progress li għamel il-bniedem.
ċ. Iż-Żmien u l-Kronoloġija	ikunu kapaċi jpoġġu l-ġrajjiet storiċi fil-perspettiva tagħhom fiż-żmien, jikkalkolaw kemm damu dawn il-ġrajjiet u jikkonsidraw is-sekwenza tagħhom biex b'hekk jiġġudikaw kif u għala seħħew dawn il-ġrajjiet.	Il-punti prinċipali huma: • Il-mekkaniżmu u l-mod ta' kif nikkalkolaw il-ħin u l-vokabularju bażiku li jiġi wżat eż. l-kalendarju (Q.K. u W.K.), vokabularju li jiddiskrivi ż-żmien (seklu, millenju) • Il-kronoloġija: tpoġġi l-ġrajjiet fl-ordni li ġraw. • Il-perjodi differenti taż-żmien (preistoriku, antik, medjevali, modern, kontemporanju), kif dawn

		jitqassmu u x'jirrappreżentaw. • Ir-riga taż-żmien bħala mezz biex tgħallem l-kronoloġija u tispjega kif ġrajjiet differenti ġew minsuġa matul iż-żmien. Din tista' tibda miż-żminijiet antiki u tasal sal-lum kif wkoll bil-kontra (retrogramma). • Sekwenza: tpoġġi fl-ordni preċiża xi sentenzi dwar xi ġrajja.
d. Kawżi u Konsegwenzi	jifhmu l-importanza fl-istorja tal-kawżi, motivi u konsegwenzi.	Il-punti prinċipali huma: • Kawża: għaliex seħħet xi ġrajja • Konsegwenza jew riżultat: it-tibdil li sar minħabba li tkun ġrat dik il-ġrajja • Motiv: meta bniedem wieħed jew grupp żgħir ta' nies jagħmlu xi ħaġa bi ħsieb jew skop. Ħafna drabi l-motiv ikun moħbi u għalhekk iktar diffiċli li tiskoprih. • Rabta bejn kawża u konsegwenza fl-istorja – ħafna drabi kull ġrajja, kawża jew motiv fl-istorja jġib magħha iktar ġrajjiet, kawżi u motivi. Dan iċ-ċiklu jirrepeti ruħu bħal ħoloq f'katina. • L-istoriċi jaqsmu l-kawżi f'żewġ kategoriji: ➢ Il-kawżi mbiegħda jkunu dawn li jseħħu ħafna żmien qabel il-ġrajja nfisha. ➢ Il-kawżi mmedjati jkunu seħħew qrib ħafna tal-ġrajja nfisha. • Il-konsequenzi jinqassmu wkoll f'dawk immedjati (li dehru mill-ewwel) u dawk remoti jew imbiegħda (li damu ħafna biex jidhru).

e. Bidla u Kontinwita'`	jifhmu l-kunċetti ta' bidla u kontiwita' matul iż-żmien. jkunu kapaċi jpoġġu t-tibdiliet f'kuntest iżjed wiesa' u jifhmu x'wassal għal dan it-tibdil. jeżaminaw stampi jew testi li fihom ikun hemm xi żbalji anakronistiċi u jidentifikaw l-iżbalji biex juru li fehmu l-kunċett ta' bidla.	Il-punti prinċipali huma: • L-importanza tal-bidliet li għadda minnhom il-bniedem u l-aspetti varji ta' differenza u similarita' matul iż-żminijiet. • Il-bidla tfisser li tinqata' b'mod ċar mill-passat ➢ tista' tfisser progress jew li l-affarijiet jiġu għall-aħjar ➢ tista' tfisser rigress jew li l-affarijiet marru għall-agħar • Il-kontinwita' tfisser li l-affarijiet jibqgħu l-istess jew jinbidlu bil-mod; żvilupp li jirrefletti proċess gradwali u evoluzzjonarju. Dan jista' jidher bħala paradoss billi jkun hemm xi tibdil iżda fl-istess ħin ikun hemm similarita' u kontiwita'. • It-tibdil fl-istorja jista' isir b'rata differenti; bidla drammatika jew proċess kontinwu. • il-bidla m'hiex xi ħaġa episodika iżda tista' tkun riżultat ta' proċess kontinwu.

1.1.2 Fdalijiet miż-żmien Puniku sa żmien l-Għarab.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Puniku	L-istudenti għandhom: ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet ta' żmien il-Feniċi u żmien il-Kartaġiniżi f'Malta u jkunu kapaċi jinterpretaw x'dawl jagħtu dawn il-fdalijiet. jifhmu għala dawn il-fdalijiet huma importanti u b'hekk jempatizzaw kif setgħet kienet il-ħajja f'dak iż-żmien. jaraw u jifhmu kif il-bniedem beda jagħmel progress anke f'dak iż-żmien meta ma kellu l-ebda kumditajiet.	*Referenza* għal fdalijiet prinċipali ta' dan iż-żmien: • santwarji: Tas-Silġ (Marsaxlokk) , San Pawl Milqgħi (Burmarrad), Ras il-Wardija • oqbra • fdal fiż-Żurrieq (torri) • iċ-Ċippus • fuħħar (*referenza* għal fatt li ħafna minn dawn jinsabu fil-Mużew tal-Arkeoloġija)
b. Ruman	ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet ta' żmien ir-Rumani u jkunu kapaċi jinterpretaw x'dawl jagħtu dawn il-fdalijiet. jifhmu kif il-bniedem f'Malta kien ġie qiegħed fit-triq tal-progress. jempatizzaw il-kumditajiet u s-sbuħija tal-vilel Rumani. jifhmu kif il-prinċipju tad-difiża kien dejjem f'moħħ min imexxi dawn il-gżejjer.	Il-fdalijiet prinċipali ta' dan iż-żmien huma: • Domus Rumana (Rabat) • fdal ta' vilel Rumani. (*referenza* għal xi eżempji: iż-Żejtun, ta' Kaċċatura, San Pawl Milqgħi, ir-Ramla l-Ħamra, il-villa ta' Pubbliju.) • banjijiet (Għajn Tuffieħa) u ġwiebi (ta' Kaċċatura) • l-isem ta' Melita • flus ta' Malta u Għawdex bil-kliem Melitaion u Gayliton imnaqqxa fuqhom. • fdalijiet oħra. (*referenza* għal għodod, ankri, skrizzjonijiet, eċċ.) • bliet fortifikati • torrijiet. (*referenza* għal xi eżempji: Ta' Ġawha,

	ikunu konxji tal-postijiet marbuta mal-miġja ta' San Pawl f'Malta.	Tal-Wilġa.) • *Referenza* għal fdalijiet marbuta mall-miġja ta' San Pawl (il-Grotta ta' San Pawl, Għajn Rażul u l-Ġżejjer ta' Selmun).
c. Perjodu Paleo-Kristjan u Biżantin	ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet ta' dak iż-żmien. jifhmu għala kienu jintużaw il-katakombi u x'kienet l-interpretazzjoni prinċipali ta' dawn il-postijiet. jifhmu għala dawn il-fdalijiet huma importanti u b'hekk jempatizzaw kif setgħet kienet il-ħajja f'dak iż-żmien.	Għandha ssir *referenza* għal fdalijiet prinċipali: • Tas-Silġ • l-Imdina • Katakombi ta' Sant'Agata • tinqix u skrizzjonijiet • fdalijiet oħra. (issir *referenza* għal fdalijiet oħra bħal katakombi ta' San Katald, ta' San Pawl u tad-Dejr fir-Rabat, is-Salini u ta' Bistra fil-Mosta, tal-Mintna fl-Imqabba u ta' Binġemma.)
d. L-Għarab:	ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet ta' żmien l-Għarab f'Malta u jkunu kapaċi jinterpretaw l-importanza ta' dawn il-fdalijiet. jifhmu il-kontinwita' li kien hemm matul iż-żmien eż. l-oqbra ta' wara d-Domus Rumana. jifhmu l-effett ġenerali li kellha l-ħakma Għarbija fuq il-ħajja ta' kuljum f'Malta.	Il-fdalijiet prinċipali ta' dan iż-żmien huma: • oqbra eż. ta' wara d-Domus Rumana • Ħaġra ta' Majmuna • l-Imdina (isem u xi bini) Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • il-lingwa (l-ilsien Malti bħala lingwa semitika) • *referenza* għal għamliet ta' arkitettura eż. ir-razzett Malti, toroq fil-qalba tar-raħal • drawwiet speċjalment dawk marbuta mal-biedja. • ismijiet – toponomija.

1.2.1 Kif setgħet kienet il-ħajja mill-preistorja sal-Għarab. (Ħtiġijiet Bażiċi)

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Xogħol	L-istudenti għandhom jifhmu x'xogħol differenti kien jagħmel il-bniedem mill-ibgħad żminijiet u kif bil-mod il-mod beda dieħel ix-xogħol speċjalizzat.	Il-punti prinċipali li jissemmew għandhom jinkludu: • biedja • sajd • fuħħar • tpartit • kummerċ • skribi • professjonijiet
b. Kenn	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif kienu d-djar fiż-żmien l-imgħoddi. jifhmu kif il-bniedem beda jagħti importanza ikbar lid-difiża.	Punti prinċipali: • ġħerien • ġħerejjex • djar • rziezet Punti prinċipali: • ħitan difensivi fi żmien il-bronż • bliet iffortifikati
c. Għodod.	jifhmu kif il-bniedem beda jagħmel progress fl-għodod u fl-armi li kien juża.	*Referenza* għal xi għodod u armi li kienu jintużaw. Eżempji: ħaġar, żnied, ram, bronż, lanez, stalletti, moħriet, eċċ.

1.3.1 Ir-Rumani f'Malta.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-miġja tagħhom u l-effett fuq Malta.	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif ġenerali ta' min kienu r-Rumani. ikollhom tagħrif dwar kif ir-Rumani ħadu lill-Malta u għala dan seħħ. jifhmu l-importanza għalina l-Maltin ta' din il-ġrajja u t-tibdil li ġabet magħha. ikunu konxji tal-fdalijiet marbuta mar-Rumani. jempatizzaw kif ħassew ruħhom il-Maltin wara din il-bidla u jifhmu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom.	L-istudenti għandhom ikunu jafu b'mod ġenerali dwar il-firxa tal-Imperu Ruman. Fuq mappa għandhom jifhmu kif il-Mediterran sar baħar mdawwar b'artijiet immexxija mir-Rumani. Irreferi **1.4.2.** Il-punti prinċipali huma: • l-importanza strateġika ta' artna. • il-Gwerer Puniċi. • l-użu ta' Malta fil-Gwerer Puniċi • l-ewwel ħakma taħt Attilju Regulus. • Malta taħt ir-Rumani mmexxija mill-Konslu Titu Sempronju Longu. • l-użu tal-gżejjer Maltin (maħżen matul is-sena u port ta' kenn fix-xitwa). • l-industriji li bdew jikbru eż. l-għasir taż-żejt u l-inbid, l-għasel. Irreferi għal **1.1.2 b** Għandha issir *referenza* għal kif Malta kienet art mirbuħa fl-ewwel żminijiet, kif ir-Rumani nqdew b'artna għall-ġlieda kontra l-egħdewwa, il-faqar u l-jasar fl-ewwel żminijiet, taxxi iebsa, il-qagħda tjiebet biż-żmien, il-Maltin meħlusa milli jħallsu l-ħaraġ, tinġabar biss taxxa mill-Kwestur, il-miġja ta' familji għonja f'pajjiżna.

b. Malta bħala Muniċipju	jifhmu kif kienet it-tmexxija ta' Malta fi żmien r-Rumani u d-drittijiet li l-Maltin ngħataw.	Il-punti prinċipali huma: • minn żmien ikrah u ta' għaks għal progress u sehem fit-tmexxija • l-għotja (debattibli) ta' *"Faederata Civitas"* • l-għotja ta' Muniċipju • Għawdex Muniċipju għalih (iskrizzjoni Ċittadella) • il-Maltin u l-Għawdxin isiru ċives • il-Prokuratur • id-Dekurjuni.
ċ. Il-ġrajja ta' Kajjus Verres	janalizzaw sewwa il-ġrajja ta' Kajjus Verres bħala 'case study'	Dan jista jsir permezz ta' użu tas-sors ta' Ċiċerun biex jitgħallmu dwar Malta fi żmien ir-Rumani. IL-punti prinċipali huma: • il-ħażen u s-serq tal-Pretur Kajjus Verres (mixli minn Ċiċerun bis-serq ta' ħwejjeġ mill-maqdes ta' Ġuno f'tas-Silġ). • rappreżentanti Maltin. • difiża favur il-Maltin.

1.3.2 L-Għarab f'Malta.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-miġja tagħhom.	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif ġenerali dwar min kienu l-Għarab u għaliex xterdu fil-Mediterran. ikollhom tagħrif dwar kif l-Għarab ħadu lil Malta.	Il-punti prinċipali huma: • ir-reliġjon Islamika u Muħammed. • it-twemmin Islamiku. • il-qasma tal-Mediterran f'żewġ oqsma kbar, dak Ewropew u Nisrani u dak Islamiku. • żewġ attakki, 869 u 870 W.K. • fl-ewwel attakk il-Maltin iżommu mal-Biżantini. • fit-tieni attakk jirbħu l-Aglabiti mit-Tuneżija.
b. Bidu mill-ġdid.	jifhmu l-importanza għalina l-Maltin ta' din il-miġja u t-tibdil li ġabet magħha. jempatizzaw kif ħassew ruħhom il-Maltin wara din il-bidla u jifhmu d-diffikultajiet li ħabbtu wiċċhom magħhom. jifhmu kif kienet it-tmexxija ta' l-Għarab. ikunu jafu dwar il-fdalijiet li għandna tal-Għarab f'Malta. jifhmu x'kienu r-riżultati prinċipali tal-miġja tagħhom.	Il-punti prinċipali huma: • firditna mid-drawwiet, mit-twemmin u mill-ħajja ta' kuljum li konna ħadna, bidla fiċ-ċivilta` minn waħda Biżantina għal waħda Islamika • tibdil fl-ilbies eż. muntiera f'rashom għall-irġiel, manta tar-radda għan-nisa. • taħt l-Għarab il-Maltin ma jidhirx li kienu maħqura. • l-Insara Maltin setgħu jżommu twemminhom. • il-Maltin żammew ma l-Għarab kontra l-Biżantini fl-1048. • tmexxija Għarbija: il-Qajd • ħlas ta' ħaraġ mill-Insara, il-Maltin kienu 'dimmi'. • Insara meqjusa inqas minn dawk li ħaddnu l-Islam. Irreferi għal **1.1.2 d** *Referenza* għall-effetti tal-Għarab f'Malta eż. ismijiet ta' postijiet, l-arkitettura tar-razzett Malti, eċċ.

1.4.1 Ċiviltajiet fil-Mediterran.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. L-Eġittu	L-istudenti għandhom jifhmu kif iċ-ċivilta' Eġizzjana, l-ewwel ċivilta' fil-Mediterran żviluppat madwar l-ilma tax-xmara Nil.	Il-punti prinċipali huma: • l-ewwel ċivilta` fil-Mediterran tal-Lvant • l-importanza tan-Nil (l-irrigazzjoni u l-agrikoltura, ċivilizzazzjoni kbira mibnija madwar ix-xmara) • l-importanza tal-Farawni (divin, iben l-alla Ra)
	jifhmu kemm iċ-ċivilta' Eġizzjana kienet avvanzata u jkollhom tagħrif dwar il-kisbiet il-kbar ta' din iċ-ċivilta'.	Issir *referenza* għal xi punti ewlenin li juru progress f'diversi oqsma eż. il-Piramidi (binjiet majestużi); Sphinx (Ras il-Farawni bil-ġisem ta' iljun); ġeometrija (importanti fil-bini tal-piramidi); kitba (l-ewwel prinċipju tal-alfabett, l-użu tal-papyrus); religjon (jemmnu f'ħajja oħra).
b. Il-Feniċi u l-Kartaġiniżi	jifhmu min kienu l-Feniċi u għala telqu mill-ibliet tagħhom	Il-punti prinċipali huma: • oriġini mil-Libanu tal-lum (bliet ta' Sidon, Tiru, Biblos, eċċ.) • lingwa semitika • bliet imdawwrin bil-muntanji • għala telqu minn dawn l-ibliet • bini ta' xwieni.
	jifhmu l-progress li ġabu magħhom dawn in-nies.	• baħħara kbar (baħħru bil-kwiekeb bil-lejl, il-Kewba tat-Tramuntana tissejjaħ il-Kewba tal-Feniċi, ħarġu mill-Mediterran, daru mal-Afrika, kolonji mal-Mediterran kollu u iktar 'l barra, waqfu Kartaġni). • negozjanti kbar (tpartit fin-negozju, drapp tan-newl aħmar jew vjola, Murex Tunculus, użaw lil Malta bħala stazzjon tal-merkanzija). • kitbiet Puniċi, tixrid ta' kitba, irfinaw l-alfabett,

		spiċċat il-kitba bl-istampi. • Il-fuħħar u l-użu tal-verniċ fuq il-fuħħar.
	ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet li ħallew hawn Malta.	Irreferi għal **1.1.2 a**
	jifhmu min kienu l-Kartaġeniżi u jkollhom tagħrif dwar l-effett tal-ħakma tagħhom fuq Malta.	• ġejjin mill-belt ta' Tiru • negozjanti u kolonjalisti kbar • ġellieda tajba • għarfu l-qagħda strateġika ta' Malta • bnew fuq dak li ħallew il-Feniċi • daħħlu f'Malta is-siġar taż-żebbuġ u tal-ħarrub • fdalijiet (irreferi għal **1.1.2 a**)
	ikollhom tagħrif dwar il-Gwerer Puniċi.	Irreferi għal **1.4.2**
c. Il-Ġriegi	ikunu jafu dwar Ateni u min kienu l-Ġriegi.	Issir *referenza* għal Ateni (stati independenti); polis immexxija minn kunsill magħżul mill-poplu (l-ewwel ideja ta' demokrazija); il-prinċipju tal-liberta', l-ugwaljanza u d-dinjita tal-individwu; ottimiżmu minkejja li ma kienx hemm lussu; l-importanza għal kisba tal-għerf.
	ikunu konxji tal-progress kbir li għamlu dawn in-nies u tal-wirt kbir li ħallewlna.	Punti prinċipali li juru progress f'diversi oqsma: • filosifija eż. Platun, Sokrate' u Aristotli. • arkitettura (id-Doriku, il-Joniku u il-Korint). • edukazzjoni (skejjel, qari, kitba, reċtar, mużika, taħriġ fiżiku, eċċ). • atletika (l-imħabba ta' l-isports, l-ewwel logħob Olimpiku).
	jifhmu l-influenza tagħhom fuq il-bqija tal-Mediterran.	Waqqfu diversi kolonji madwar il-Mediterran eż. Sirakuża.

d. Ir-Rumani. (Il-kisba tal-Imperu, il-ħajja Rumana u l-armata).	ikollhom tagħrif u jifhmu kif Ruma saret Imperu kbir. ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza ta xi ġrajjiet ewlenin mill-istorja ta' Ruma. ikollhom tagħrif u jifhmu kif kienet tkun il-ħajja normali tar-Rumani. ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-armata Rumana.	Il-punti prinċipali li għandhom jiġu ttrattati huma: • ir-rivalita' ma Kartaġni u l-Gwerer Puniċi. • Annibali, l-avventura tiegħu u l-qerda ta' Kartaġni. • Ruma ssir suprema fil-Mediterran. • il-gwerer u r-rebħiet ta' Ġulju Ċesri. • il-komplott kontrih u l-qtil tiegħu fis-Senat. • il-firxa tal-Imperu. *Referenza* biss għat-tixrid ta' dan l-Imperu eż. *Gaul* (Franza), l-Ingilterra u l-Ġermanja. • Il-Pax Rumana. Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • l-ibliet Rumani. • il-villa Rumana u l-banjijiet pubbliċi. • *Referenza* għat-taqsim fis-soċjeta f'dak iż-żmien eż. plebej, patrizi u l-ilsiera • il-problema tal-ilma u l-bini tal-akwadotti. • l-amfiteatri u l-Kolossew (logħob li kien isir hemmhekk u ġlied bejn il-gladiaturi). • l-influwenza miċ-ċivilta' Griega. *Referenza* għall-organizzazzjoni tagħha, id-difiża tal-Imperu, ħitan u torrijiet u l-bini ta' toroq.

1.4.3 It-twemmin tal-bniedem mill-preistorja sal-Għarab.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Tagħlim	Noti
a. Twemmin fil-Preistorja	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif dwar u jifhmu li l-bniedem fil-preistorja kien jadura diversi allat pagani.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Il-bniedem kien dejjem jibża min dak kollu li ma kellu l-ebda tagħrif dwaru eż. tempesti, irwiefen, ragħad, sajjetti, eċċ. • xtaq li jkun dejjem paċi ma l-allat u jagħtihom qima. • il-kulti pagani fil-preistorja eż. sagrifiċċji, dfin , il-mara l-Ħoxna, tempji għal adorazzjoni, eċċ. Tingħata *attenzjoni speċjali lil dawn il-postijiet biss:* • Ipoġew ta' Ħal Saflieni (deskrizzjoni, Sancta Sanctorum, Oraklu, is-'siġra tal-ħajja') • Il-Ġgantija (deskrizzjoni, artali, ħitan). • It-tempju ta' Ħal Tarxien (deskrizzjoni u l-użu ta' dan it-tempju).
b. It-Twemmin Lhudi.	jifhmu kif il-poplu Lhudi kien l-ewwel wieħed li emmen f'Alla wieħed.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • il-bidu tal-poplu Lhudi permezz ta' Abram • il-bidu tat-twemmin f'Alla Wieħed • twemmin f'ħajja oħra u biża t'Alla • il-poplu tal-ktieb.
ċ. Il-Kristjaneżmu	ikollhom tagħrif u jifhmu kif id-dhul tal-Kristjaneżmu ġab tibdila kbira fit-tmemmin tal-bniedem fid-dinja l-magħrufa.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Il-ħajja ta' Gesu Kristu u l-bidu tal-Kristjaneżmu • it-tixrid mgħaġġel ta' din ir-religjon • il-miġja tal-Kristjaneżmu f'pajjiżna permezz ta' San Pawl. • il-persekuzzjoni tal-Insara fl-Imperu Ruman

		• il-konverzjoni ta' Kostantinu u l-għarfien tar-religjon Nisranija fl-Imperu Ruman.
d. L-Islam	ikollhom tagħrif dwar il-ħajja ta' Muħammed u kif bdiet r-religjon Islamika. jifhmu x'tip ta' religjon kienet din u kif ħafna nies adottaw dan it-twemmin.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Il-ġrajja ta' Muħammed: l-istqarrija tad-dehra mis-sema, il-ħarba minn Mekka (Ħeġira), il-Quran u s-suċċess tat-tagħlim tiegħu. • Ir-religjon Islamika bbażata fuq ħames prinċipji: tistqarr twemmin f'Alla wieħed, titlob, issum ir-Ramadan, tagħti l-karita' u tmur Mekka darba f'ħajtek. • It-tixrid ta' din ir-religjon speċjalment fl-Afrika ta' Fuq.

Form 2

2.1.1 Fdalijiet taż-żmien Medjevali.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Bliet u fortifikazzjonijiet	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif dwar fdalijiet ta' bini medjevali li wieħed isib fil-bliet qodma ta' Malta.	Issir *referenza* għal: • It-toroq medjevali li wieħed isib fil-bliet il-qodma (Imdina, Ċittadella, Birgu). • Fdalijiet ta' bini fl-Imdina eż. Id-Dar Normanna (Palazzo Falzon), Palazzo Santa Sofia u Palazzo Gatto Murina • Bini ta' stil Sekulu-Normann fi Triq il-Kavallier Bernardo fiċ-Ċittadella (illum il-Mużew tal-Folklor) • Birgu (dar fi triq quddiem l-Auberge de France) • Sant' Anġlu (Castrum Maris) li serva bħala d-dar tal-Kastellan fil-Medjuevu.
b. Irħula mitlufin	jifhmu x'inhuwa raħal mitluf u jaslu biex jifhmu r-raġunijiet li wasslu biex irħula bħal dawn ġew abbandunati. jagħmlu studju speċifiku fuq ir-raħal mitluf ta' Ħal Millieri biex jifmu aħjar kif dan kien raħal normali ta' żmien il-medjuevu.	Irħula mitlufa. Referenza għal xi eżempji Ħal Millieri, Ħal Man, Ħal Xluq, Ħal Bajjada, Ħal Tmiem, eċċ. Studju speċifiku fuq Ħal Millieri. Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • knisja mibnija fuq il-fdalijiet ta' kappella aktar antika • numru ta' affreski oriġinali • ir-raġunijiet għala dan ir-raħal spiċċa abbandunat u b'hekk mitluf. Tingħata importanza *wkoll* lil Bir Miftuħ u San Girgor.

c. Kappelli medjevali	ikollhom tagħrif dwar in-numru ta' kappelli medjevali li għadhom jeżistu u jifhmu l-importanza tagħhom. Jifhmu l-importanza tal-preservazzjoni u r-restawr ta' dawn il-ġawhar storiċi.	*Referenza* għal: • knejjes mibnija eż. Ħal Millieri, Bir Miftuħ, San Ċir, Tal-Bakkari, Santa Ċeċilja (Għajnsielem), Ħal Xluq, eċċ. • knejjes taħt l-art jew maqtugħin fil-blat (trogloditi) eż. Mellieħa, Sant'Agata, il-Mensija, l-Imsida, eċċ.
d. Fdalijiet oħra	ikollhom tagħrif dwar u japprezzaw fdalijiet oħra ta' żmien il-Medjuevu.	*Referenza* għal: • pittura bikrija u affreski eż. Sant'Agata, Ħal Millieri, Bir Miftuħ, eċċ. • bċejjeċ ta' skultura eż. Il-kolonna bis-salib f'Howard Gardens, Rabat • il-parti l-qadima tal-palazz tal-Inkwiżitur • għerin li kienu jintużaw bħala abitazzjoni eż. Għar il-Kbir (Ħad-Dingli), San Niklaw (Mellieħa) u San Pietru (Naxxar).

2.2.1 Il-ħajja tal-Maltin fil-Medjuevu.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Xogħol	L-istudenti għandhom ikunu jafu x'tip ta' xogħolijiet kien jagħmel il-bniedem f'dak iż-żmien.	Il-punti prinċipali huma: • L-industriji differenti li kien hawn: iż-żebbuġ, l-inbid, il-qoton u l-kemmun • is-sibi • il-biedja (agrikoltura u trobbija tal-bhejjem) • in-negozjanti • il-professjonisti • il-qassisin • nies ta' sengħa differenti eż. skrapen, bennejja, sajjieda, eċċ. u l-fratellanzi.
b. Biża, mard u faqar	jifhmu kemm kienet iebsa l-ħajja f'dawk iż-żminijiet.	Il-punti prinċipali huma: • Il-biża kontinwa ta' xi attakk mill-pirati; il-ħarsien tax-xtut u d-Dejma, l-attakki tal-pirati speċjalment ta' l-1429 u l-effetti tagħhom • il-biża tal-pesta • mard ieħor minħabba l-qagħda sanitarja; l-isptarijiet • in-nuqqas ta' xita f'diversi snin u l-problemi li kienet iġġib magħha • il-faqar eżistenti.
ċ. Ir-religjon u t-tagħlim	jifhmu kif ir-reliġjon Islamika baqgħet f'Malta għal diversi snin wara t-tluq tal-Għarab. jifhmu kif l-edukazzjoni u t-tagħlim bdew dieħla bil-mod f'pajjiżna permezz tal-għaqdiet reliġjużi	Il-punti prinċipali huma: • L-influwenza Għarbija fuq ir-religjon • tagħlim fil-kunventi mill-ordnijiet reliġjużi • għajnuna mill-Komun u l-Katidral • jinġiebu għalliema tajba minn Sqallija fl-ewwel snin tal-ħakma tal-Ordni • ftit tfal kienu jiġu mgħallma (subien).

2.3.1 Malta taħt in-Normani.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-Vikingi.	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif dwar u jifhmu min kienu l-Vikingi u kif dawn aktar tard bdew jissejjħu Normanni.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • ġellieda qalbiena u baħħara mill-aqwa • l-attakki tagħhom fuq artijiet oħra • jissettiljaw fit-Tramuntana ta' Franza (Normandija) • biddlu ħajjiethom u saru Nsara.
b. In-Normanni u l-miġja tagħhom f'Malta.	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif in-Normanni bdew jaħkmu bosta postijiet fosthom il-gżejjer Maltin.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Il-firxa tan-Normanni; xterdu f'postijiet oħra, *referenza* għar-rebħiet tagħhom fi Sqallija, l-Italja t'Isfel u l-Ingilterra. • il-ħbiberija mall-Papa u protetturi tar-reliġjon. • il-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta. • il-ftehim mal-Għarab.
c. L-għaqda ma Sqallija u l-qagħda ta' pajjiżna sa żmien l-Aragoniżi.	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif Malta ġiet magħquda mas-Saltna ta' Sqallija. ikollhom tagħrif dwar min kien jaħkem lil Malta matul dak iż-żmien. ikunu konxji tal-qagħda tal-poplu Malti.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • In-Normanni jieħdu l-gżejjer Maltin għal kollox fl-1127; l-għaqda ma Sqallija • ir-reliġjon tal-Maltin fi żmien in-Normanni • kummerċ u sliem • il-qagħda tal-Maltin • Federiku II • iċ-ċensiment ta' Gilbertu • *referenza* għall-miġja tal-Anġuvini u iżjed tard tal-Aragoniżi.

2.3.2 It-Tmexxija ta' Malta fi żmien l-Aragoniżi.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Struttura tat-Tmexxija	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif u jifhmu kif kienet l-istruttura tat-tmexxija ta' pajjiżna f'dak iż-żmien. ikollhom tagħrif u jifhmu kif kienet tiġi organizzata d-difiża tal-gżejjer Maltin.	Il-punti prinċipali huma: • **L-Universita'.** Immexxija minn Ħakem li jinħatar mir-Re. Erba' ġurati magħżula mill-Komun. Nies oħra jgħinuhom fl-amministrazzjoni. • **Il-Komun jew Kunsill Popolari.** Magħmula mir-rappresentanti ta' kull raħal jew parroċċa. Eletti kull sena. Jagħmlu t-taxxi. Jieħdu deċizzjonijiet fuq ħwejjeġ ta' siwi pubbliku bħall-ħarsien tal-jeddijiet. Igħassu biex ma jsirux abbużi mill-uffiċjali tal-Gvern. Iwasslu t-tilwim tagħhom lill-Viċire jew lis-Sultan. • **Uffiċjali Maltin:** Tagħrif dwar ix-xogħol ta' dawn l-uffiċjali biss (Kastellan, Kaptan tal-Virga, segreto, katapan, balliju). Tista' issir *referenza* għal xi uffiċjali oħra. • **Id-Dejma** u l-ħarsien tal-gżejjer Maltin. L-obbligi tal-Maltin. In-nafra. Il-Kavabuzz. Torrijiet. Is-sejħa għat-taqtiegħa. Tista ssir *referenza* għall-lista tal-militia.
b. Problemi li nqalgħu	ikunu konxji tal-problemi prinċipali li ħabbtu wiċċhom magħhom il-Maltin u kif ipprovaw isolvuhom.	Il-punti prinċipali huma: • **Is-Sidien Fewdatarji.** Żmien it-Tiranni. Żmien ħażin għall-Maltin. Tibdil fis-siddien fewdatarji. It-talbiet tal-Maltin. Wegħdiet vojta tas-slaten. Żmien ta' taqlib u rewwixti. • **Il-Ġrajja ta' Monroi.** Monroi jieħu lil Malta. L-

		irvell tal-Maltin. It-talba tal-Maltin lir-Re. Il-ħlas tar-rahan. Il-kisba tal-jeddijiet mill-Maltin. L-għaqda mill-ġdid ma Sqallija. • **Ħbit mill-Misilmin**. L-attakk tal-1429. Assedju qalil għax konna weħidna u ebda ġens ieħor ma ġie jgħinna. Ħafna mwiet. Ħafna nqabbdu Isiera. *Referenza* għall-istorja folkloristika 'tal-ħobż u tal-ġbejniet'. Ir-rebħa Maltija.

2.3.3 Il-miġja tal-Ordni f'Malta u l-Assedju l-Kbir.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. L-għotja ta' Malta lil Ordni.	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif Malta għaddiet f'idejn l-Ordni ta' San Gwann.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Min kienu l-Kavallieri ta' San Ġwann • it-tkeċċija tagħhom minn Rodi • l-għotja ta' Malta u Tripli lill-Kavallieri mill-Imperatur Karlu V • rapport dwar Malta li jagħti stampa kerha tal-gżira. • il-Kavallieri jaċċettaw il-gżira imma ma kienux tal-fehma li jibqgħu hawn għal kollox. • it-talbiet tal-Maltin biex ifakkru lil Karlu V fil-wegħdiet tal-imgħoddi (1524).
b. Kif il-Maltin laqgħu l-Ordni.	jifhmu kif mhux il-Maltin kollha laqgħu tajjeb il-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta.	Issir *referenza* għal dawn il-punti: • In-nobbli Maltin u l-mexxeja għolja tal-kleru ma ħadux pjaċir bil-miġja tal-Kavallieri. • In-nies tal-Birgu ħadu pjaċir għax stennew kummerċ u risq, ħelsien mill-furbani Misilmin u ħelsien mill-mexxejja għolja tagħhom li kienu joqogħdu l-Imdina. • Il-pika bejn l-Imdina u l-Birgu.
c. L-ewwel snin tal-Ordni u l-preparamenti għall-Assedju.	jifhmu kif kienu l-ewwel snin tat-tmexxija tal-Ordni ta' San Gwann f'Malta u l-preparamenti li saru għall-Assedju.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Il-Kavallieri marru joqogħdu l-Birgu • l-attakk fuq Malta ta' Dragut fl-1551 • il-qagħda tal-Maltin fl-ewwel snin ftit li xejn tbiddlet • tmexxija awtokratika (*Referenza* għal każ ta' Callus) • it-tisħiħ tad-difiża u t-tħejjija għall-Assedju: saħħew Sant'Iermu u Sant'Anġlu, bnew il-

		fortizza ta' San Mikiel, ġeddew id-Dejma, kavallieri li kienu fl-Ewropa ssejħu lura Malta, sejħa lis-slaten Insara u l-Papa għal għajnuna, irġiel Maltin tħarrġu għat-taqbida, xjuħ, ommijiet u morda marru Sqallija.
	ikollhom tagħrif dwar il-fortifikazzjonijiet li kienu jeżistu f'Malta qabel l-Asedju l-Kbir.	Id-difiża ta' Malta kienet ibbażata fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir • l-Isla imħarsa mill-Forti San Mikiel • il-Birgu imħares mill-Forti Sant'Anglu • Forti Sant'Iermu fit-tarf tal-għolja Xiberras.
d. L-Assedju l-Kbir.	jifhmu għala t-Torok attakkaw lil Malta. ikunu jafu l-ġrajjiet ewlenin tal-Assedju l-Kbir. jifhmu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom iż-żewġ naħat.	Ir-raġunijiet prinċipali huma: • Il-qagħda stateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran. • il-kwistjoni tar-reliġjon (dik Nisranija kontra dik Islamika) • l-Ordni ta' San Ġwann minn dejjem kienet l-għadu kbir tat-Torok eż. l-attakki fuq ix-xwieni Torok. *Referenza* għal xi ġrajjiet ewlenin tal-Assedju l-Kbir. Il-punti prinċipali jinkludu: • Il-wasla tal-flotta Torka f'Malta • l-attakk fuq Sant'Iermu • l-attakki fuq il-Birgu u l-fortizza ta' San Mikiel • ir-rebħa ta' Sant'Iermu mit-Torok • il-ġlieda ittul • it-Torok jitilqu lura lejn pajjiżhom. Id-diffiċultajiet prinċipali kienu: • It-Torok kellhom iżjed suldati mill-Kavallieri. • il-Kavallieri u l-Maltin kienu magħluqa ġewwa l-fortizzi li kienu b'saħħithom u armati tajjeb. • it-Torok riedu jirbħu lil Malta fi żmien qasir billi

		beżgħu mill-maltemp tax-xitwa għax kienu 'l bogħod minn pajjiżhom. • it-Torok kienu qegħdin jibżgħu li tasal l-għajnuna lill-Ordni mill-pajjiżi Insara. • it-Torok ma sabux x'jieklu u x'jixorbu billi l-Maltin qerdu kollox qabel l-Assedju. B'hekk sabu nuqqas ta' ilma fi żmien is-sħana kbira tas-sajf. • it-Torok kellhom jipprovaw jixxabbtu mas-swar. • minħabba l-blat iebes ta' Malta t-Torok ma setgħux jħaffru mini taħt is-swar tal-fortifikazzjonijiet. • nuqqas ta' ftehim bejn il-kapijiet Torok. • it-Torok riedu jgħassu l-flotta tagħhom billi din kienet importanti biex imorru lura lejn pajjiżhom.
	janalizzaw x'kienet tfisser għal Malta u għall-Ordni ta' San Ġwann din ir-rebħa.	Il-punti prinċipali: • Malta dehret bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu u t-Torok ma reġgħux attakkawna. • Prinċpijiet Insara fehmu l-importanza ta' Malta u għenu bil-flus fil-bini tal-belt Valletta. • il-Kavallieri bdew jissejħu kavallieri ta' l-Ordni ta' Malta u issa ntrabbtu iżjed mill-qrib ma' pajjiżna billi ddeċidew li jibqgħu hawn. • il-ġid f'pajjiżna beda jikber u Malta bdiet it-triq tal-progress.
	Jifhmu l-kontinwita' fl-istorja permezz tal-fortifikazzjonijiet li ntużaw li għandhom wieqfa sal-lum.	Ħafna mill-fortifikazzjonijiet li ntużaw matul l-Assedju l-Kbir ġew restawrati u għadhom jidhru sal-lum eż. Sant'Anġlu u Sant'Iermu.
	jaraw u jifhmu l-importanza tal-fortifikazzjonijiet li kienu jeżistu minn pjanti u stampi.	Il-pożizzjoni strateġika tal-postijiet ewlenin li ntużaw matul l-Assedju l-Kbir eż. Sant'Anġlu, Sant'Iermu, San Mikiel, l-għolja Xiberras eċċ.

2.4.1. Aspetti tal-Istorja Medjevali tal-Ewropa

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. **Il-fewdaliżmu fl-Ewropa** (Deskrizzjoni tal-piramida fewdali, id-drittijiet tan-nobbli u s-sidien fewdatarji u l-obbligi u l-qagħda soċjali tal-vassalli)	L-istudenti għandhom ikunu jafu dwar it-taqsimiet ewlenin tal-istruttura tal-ħajja f'dak iż-żmien.	Il-punti prinċipali: • ir-Re • in-nobbli l-kbar • is-sidien iżgħar fewdatarji • in-nies komuni.
	ikunu jafu dwar u jifhmu d-drittijiet li kien ikollhom is-sidien fewdatarji.	Għandha ssir *referenza għal xi wħud* minn dawn il-punti dwar n-nobbli u s-sidien fewdatarji: • akkwistaw ħafna privileġġi u drittijiet billi r-re kien jiddependi fuqhom • kienu jieħdu l-ġurament ta' fedelta lejn ir-re bħalma l-bdiewa kienu jeħduh lejhom • żviluppaw sistemi ta' amministrazzjoni iżjed effettivi f'kull fewdu. • il-fortizza jew il-kastell tagħhom kienet tħares l-inħawi. • kienu jmexxu l-qrati tal-ġustizzja fejn kienu jagħtu d-deċiżjoni personali tagħhom fuq il-kwistjonijiet importanti kollha • kienu l-garanzija tal-ordni. • kienu jagħtu protezzjoni lill-fqar, orfni, romol u pellegrini u jgħassu kontra l-ħallelin fil-kampanja. • Setgħu jintaxxaw u jisirqu l-fqar.
	ikunu jafu dwar u jifhmu d-dmirijiet li kien ikollhom in-nies komuni f'din is-sistema.	Għandha ssir *referenza għal xi punti* ewlenin: • Kellhom posthom iffissat fil-qiegħ tal-piramida soċjali għal ħajjithom kollha.

		• L-art tagħhom bin-nies setgħet tinxtara u tinbiegħ mingħajr ma huma jkunu jistgħu jagħmlu xi ħaġa. • Kellhom ħafna dmirijiet xi jwettqu lejn is-sid fewdatarju. Xi wħud minnhom kienu: ➢ jagħtuħ mill-prodotti tal-egħlieqi tagħhom ➢ iħallsu t-taxxi li jagħmlilhom ➢ jaħdmu għas-sidien xi jiem fis-sena bla ħlas ➢ jintrabtu mal-post fejn ikunu jgħixu ➢ riedu permess mis-sid biex jiżżewwġu.
b. **Il-Kruċċjati.** (Għala bdew, x'ġara fil-qosor u għala fallew)	ikunu jafu r-raġunijiet ewlenin li wasslu għal dawn il-kruċċjati.	*Referenza għal xi wħud* minn dawn ir-raġunijiet: • **L-Imperatur Biżantin talab l-għajnuna** tal-Papa Urbanu II kontra it-Torok Seldjuk li kienu qegħdin dejjem javvanzaw mill-Lvant. • **Il-Papa ried igħaqqad l-popli Nsara** kollha wara l-Knisja billi jinsew id-differenzi bejniethom u jingħaqqdu f'din il-gwerra. • **Fervent reliġjuż.** Kavallieri differenti mill-Punent kien ilhom jiġġieldu mal-Għarab taħt is-simbolu tas-salib. Reazzjoni għall-avvanz li l-Islamiċi għamlu fl-Italja u Spanja. • **Pellegrini** li kienu jżuru l-Art Mqaddsa kienu ħafna drabi iħabbtu wiċċhom ma vjolenza. • Id-differenza kbira bejn **il-kulturi differenti.** • Nobbli mill-Punent riedu jieħdu **artijiet ġodda** għalihom. Imperjaliżmu medjevali. Ħafna minn nobbli ma kellhomx art (primaġenitura). • **Kundizzjonijiet soċjali tajba.** Is-sistema tal-fewdaliżmu kienet tipprovdi ġellieda tajbin.

<table>
<tr><td></td><td>ikollhom xi tagħrif fil-qosor tal-ġrajjiet ewlenin f’dawn il-kruċċjati.

jifhmu għala dawn il-kruċċjati fallew fl-iskop tagħhom.</td><td>Għandha ssir referenza għal:
L-Ewwel Kruċċjata. Diversi nobbli kbar ħadu sehem. Is-Sirja u Jerusalem mirbuħa.
Stati żgħar immexxija mill-Insara fl-artijiet li ntrebħu eż. ir-renju ta’ Jerusalem.
Saladin jirbaħ lura lill-Jerusalem fis-seklu tnax.
Sa l-aħħar tas-seklu 13 l-Insara tilfu ħafna mill-istati ż-żgħar li kienu rebħu.
Il-kruċċjati tilfu l-idejal inizjali tagħhom. L-aħħar kruċċjati kienu falliment kbir.
Referenza għal xi wħud minn dawn il-punti:
Tmexxija ħażina. Ma kienx hemm kap wieħed u ħafna mill-kapijiet Nsara kienu jiġġieldu bejniethom.
Diffikultajiet ambjentali u ta’ kummunikazzjoni. L-armati Nsara rebbieħa kienu mdawwra b’populazzjoni Islamika u għalhekk kien diffiċli għalihom iżommu l-art li rebħu.
Intesa l-iskop prinċipali li kien li tintrebaħ l-Art Mqaddsa minn taħt idejn il-Mislem. Ir-raba’ Kruċċjata spiċċat f’attakk fuq Kostantinopli.
In-nuqqas ta’ ftehim u d-diffikultajiet bejn il-Punent u l-Lvant, bejn il-Papa u l-Imperatur Biżantin.
L-ambizzjoni tan-negozjanti Taljani li riedu jaħtfu l-kummerċ li kellha Kostantinopli u kienu lesti li jkissruha biex jieħdu vantaġġ huma.</td></tr>
<tr><td>c. Ir-Rinaxximent fl-Ewropa. (Kif u fejn beda, l-oqsma differenti li</td><td>ikollhom tagħrif dwar u jifhmu x’kien ir-Rinaxximent.</td><td>Xi punti prinċipali li għandhom jissemmew huma:
Rinaxximent tfisser twelid mill-ġdid.
Beda fl-Italja u xtered mall-kumplament tal-</td></tr>
</table>

affettwa, żmien is-sejbiet, skoperti ġodda u l-effetti prinċipali ta' dan il-moviment).		Ewropa. Ġibda għall-istudju u t-tfittix fl-universitajiet varji. • Bidla bil-mod f'dak kollu li l-bniedem kien jaħseb dwar id-dinja li jgħix fiha u dwar dak li kien jemmen. • Tibdil fl-attitudni lejn il-ħajja u ta' kif kienu jgħixu in-nies ta' dak iż-żmien.
	ikollhom tagħrif dwar l-oqsma differenti li ġew affettwati minn dan il-moviment.	Il-punti prinċipali huma: • **Arti:** ippattronizzata minn familji sinjuri, l-istati-bliet tal-Italja u l-Papat. Ifittxu s-sbuħija naturali idejali, pittura ta' ritratti u frescos, l-iżvilupp tal-perspettiva, pitturi importanti eż. Rafael, Mikelangelo u Leonardo da Vinċi. • **Arkitettura:** l-iżvilupp fl-Italja ta' palazzi ta' tliet sulari b'faċċata strutturata, arkati u btieħi interni, il-bini tal-Knisja ta' San Pietru ġewwa Ruma. • **Inġinerija u mekkanika:** l-esperimenti ta' Leonardo da Vinċi. • **Litteratura** eż. Machiavelli • **Skultura:** reġgħu bdew jiskopru l-ġisem uman eż. Mikelanġelo (David, Mose' u l-Pieta').
	ikollhom tagħrif u jifhmu kif il-Portugiżi u l-Ispanjoli sabu ħafna artijiet ġodda u bnew l-Imperi tagħhom.	Il-punti prinċipali huma: • Il-Portugiżi: ➢ Neriku n-Navigatur u l-bidu tal-Imperu Portugiż. ➢ Bartilmew Diaż dar mal-Afrika t'Isfel ➢ Vasco da Gama dar mal-Afrika t'Isfel u baqa sejjer sal-Indja. • L-Ispanjoli:

		➢ Kolombu u Amerigu Vespuċċi: sabu l-kontinent tal-Amerika. ➢ Ferdinandu Magellan dar id-dinja bil-baħar ➢ Ernando Kortes rebaħ il-Messiku ➢ Franġisku Pizarro rebaħ il-Peru ➢ Vasco de Balboa ra l-oċejan Paċifiku għall-ewwel darba min-naħa tal-Panama.
	ikollhom tagħrif dwar skoperti oħra u l-progress f'oqsma oħra li sar f'dak iż-żmien.	Il-punti prinċipali huma: • L-invenzjoni tal-magna tal-istampar (Gutemberg 1445) wasslet għall-iżjed kommunikazzjoni u edukazzjoni aħjar. L-istampar ta' ħafna aktar kotba. • Is-sejba tal-porvli, l-invenzjoni tal-kanuni u armi oħra tan-nar • Is-sejba tal-kumpass, mapep aħjar fuqhiex wieħed jista jimxi u l-iżvilupp fil-bini tax-xwieni.
	jifhmu x'kienu l-effetti prinċipali ta' dan il-moviment.	*Għandha ssir referenza għal xi* effetti prinċipali: • spinta lill-ispirtu tan-nazzjonaliżmu • spinta lid-diverġenzi reliġjużi fil-Kristjaneżmu • il-ftuħ tad-Dinja l-Ġdida • il-Mediterran beda jitlef relattivament l-importanza tiegħu • it-titjib fil-kommunikazzjoni bil-miktub • spinta lill-lingwi klassiċi tal-Latin u l-Grieg.

Form 3

3.1.1 Il-belt Valletta

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-bini tal-belt	L-istudenti għandhom ikunu jafu dwar il-preparamenti li saru minn qabel u dwar il-bini ta' din il-belt innifisha.	Il-punti prinċipali huma: • Il-pjanta għal din il-belt (forma ta' grada bi triq iddur madwarha) • l-għajnuna li ngħatat lill-Ordni • l-għażla tal-isem għal din il-belt • il-ħaddiema li nġibu biex ix-xogħol isir malajr • l-ebda parti ma nbniet għall-kavallieri biss *(Collachio)* • il-qtugħ tal-ġebel mill-Mandraġġ • l-Ordni tmur tgħix fil-belt il-ġdida fl-1571.
	ikunu jafu dwar ix-xogħol ta' l-arkitetti Laparelli u Glormu Cassar.	• Laparelli li fassal il-pjanta tal-belt Valletta. • Il-kontribut ta' Glormu Cassar li kompla ix-xogħol fuq u fassal ħafna mill-bini li hemm ġewwa il-belt Valletta
	jifhmu għala nbniet din il-belt.	Raġunijiet politiċi, ġeografiċi u militari għala nbniet il-Belt: • Il-ħerba kbira li ħalla l-Assedju l-Kbir fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir. • Il-biża' ta' attakk mill-ġdid mit-Torok. • Il-pożizzjoni strateġika tal-għolja Xiberras bħala peniżola fil-għoli li kienet tħares fuq il-portijiet il-kbar.
	ikollhom tagħrif dwar din il-belt u japprezzaw l-arkitettura tagħha.	Issir *referenza għall-arkitettura* tagħha: • Pjanti u daqs • is-swar • it-toroq u l-imsieraħ tagħha • l-istil barokk li fuqu nbiet

		• il-Mandraġġ • l-effetti matul iż-żmien eż. ċentru għat-turiżmu, toroq li ffaċilitaw it-traffiku fiż-żmien modern, eċċ.
b. Bini importanti fil-Belt.	ikollhom tagħrif dwar il-bini importanti li hemm f'din il-belt li għadu jeżisti sal-lum. jifhmu u japprezzaw is-sbuħija ta' din il-belt.	Fost il-punti prinċipali insibu: • Il-palazz tal-Gran Mastru • Il-bereġ tal-kavallieri • Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann • Is-Sagra Infermerija • *Referenza* għal kunventi u knejjes u l-arti prinċipali li tinsab fihom • Bini għall-użu ċivili eż. Monte di Pieta, Kastellanja, Teatru, Librerija, eċċ. Fost il-punti prinċipali insibu: • Belt kapitali ta' mexxejja nobbli u sinjuri • regoli biex tinżamm is-sbuħija tal-belt eż. tiżjin fil-kantunieri u skultura • bini ieħor li jsebbaħ fil-belt. eż. il-bini ta' knejjes, funtani u monumenti. • spinta lill-kultura eż. il-bini tat-teatru. • il-bini tad-djar privati.
ċ. Il-belt Valletta fiż-żmien ta' wara.	jifhmu s-sehem li tat il-belt kapitali ta' Malta matul l-aħħar erba' mitt sena. jifhmu l-bidla u l-kontinwita' li rat din il-belt matul iż-żmien u b'hekk japprezzawha aħjar,	Il-bidla biż-żmien minn post residenzjali għal ċentru amministrattiv, kummerċjali u kulturali. • amministtrativ eż. Parlament, ministeri, departimenti u uffiċini. • kummerċjali eż. stabilimenti kbar, ħwienet, swieq, pixkerija, ċentru tat-trasport għal tal-linja, eċċ. • kulturali eż. teatru, mużewijiet, eċċ. *Referenza* għal xi bini tal-Kavallieri li hemm ġewwa l-belt Valletta u l-użu tiegħu illum eż. bereġ, Sagra Infermerija, il-palazz tal-Gran Mastru, eċċ.

3.1.2 Wirt ieħor tal-Kavallieri.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Wirt il-kavallieri fl-ibliet	L-istudenti għandhom ikunu konxji mill-fdal l-aktar importanti tal-bini fl-ibliet taż-żmien il-Kavallieri.	Il-wirt prinċipali fl-ibliet differenti: • il-belt Valletta **(irreferi 3.1.1b)** • il-Kottonera (bereġ fil-Birgu) • l-Imdina. • Il-Kastell ta' Verdala u San Anton.
b. Id-difiża fi żmien il-Kavallieri	jifhmu kif l-Ordni ta' San Ġwann għamlu kull ma setgħu biex jiffortifikaw lill-gżejjer Maltin.	Il-punti prinċipali huma: • Il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-portijiet. ➢ Il-bini ta' swar difensivi eż. dawk tal-Furjana, ta' Firenzuola u l-Kottonera. ➢ Il-bini ta' fortizzi eż. Forti Manuel, Forti Ricasoli u Forti Tigne. • Il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-kosta. ➢ Il-Lbiċ ta' Malta kellu protezzjoni naturali minħabba l-irdum għoli. ➢ Il-bini ta' torrijiet kwadri eż. Santa Marija f'Kemmuna, it-Torri l-Aħmar fil-Mellieħa, it-Torri ta' Wignacourt, Forti San Luċjan u Forti San Tumas. ➢ *Referenza* għat-torrijiet ta' De Redin. ➢ *Referenza* għal bini ta' linji u batteriji mal-kosta. • Fortifikazzjonijiet f'Għawdex. ➢ *Referenza* għat-tisħiħ taċ-Ċittadella. ➢ Id-difiża tal-port tal-Imġarr permezz tal-Forti Chambray u tal-fortizza Garzas.

ċ. L-effett tar-Rinaxximent fuq Malta	jifhmu sewwa l-istil barokk u jkunu kapaċi jsemmu eżempji ta' bini mibni b'dan l-istil. ikunu jafu dwar il-biċċiet kbar tal-arti li għandna f'pajjiżna. ikunu konxji ta' xi kontribuzzjonijiet oħra.	Il-punti prinċipali huma: • Id-dħul ta' l-istil barokk • *Referenza* għall-bini kbir u sabiħ, pittura, skultura, tiżjin fid-deheb u l-fidda. • Il-Knisja ta' San Ġwann u l-opri importanti li wieħed isib fiha eż. l-Oratorju, is-saqaf, l-artar maġġur, il-presbiterju, il-Kor, l-arazzi. • Arti f'San Ġwann. Caravaġġio "Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann Battista", "San Ġlormu", "tal-Maddalena". • Mattia Preti. Pitter it-Trinita' Mqaddsa fis-saqaf tar-Kor u "Il-Kobor tal-glorja tal-Ordni" fis-saqaf kollu tal-istess knisja. Ġawhra artistika mill-aqwa. *Referenza* għall-ewwel stamperija f'Malta u l-ewwel kotba li nkitbu.
d. Il-preservazjoni u r-restawr tal-wirt tal-Kavallieri u l-użu tagħhom illum	jiddiskutu x'użu qiegħed isir minn dawn il-postijiet illum u jekk jistax isir użu aħjar minnhom. janalizzaw kif dan il-wirt jista jiġi mħares aħjar.	Il-punti prinċipali huma: • Il-preservazzjoni ta' dan il-bini • is-sehem tal-Kunsilli Lokali u għaqdiet oħra voluntarji • l-importanza ta' restawr bl-iskop ta' turiżmu.

3.1.3 L-ibliet u l-irħula qodma ta' Malta u Għawdex.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta’ Taghlim	Noti
a. L-importanza storika tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella fir-Rabat Għawdex	L-istudenti għandhom jifhmu l-importanza storika tal-bliet il-qodma ta’ Malta u Għawdex.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Il-pożizzjoni strateġika tagħhom eż. Mdina u ċ-Ċittadella fiċ-ċentru tal-gżira mibnija fuq art għolja, il-Birgu fuq peninsula li tagħti fuq il-Port il-Kbir. • L-importanza tad-difiża li offrew matul iż-żminijiet eż. attakki mill-furbani, l-Assedju l-Kbir. • Ċentri residenzjiali u amministrattivi fl-antik eż. Universita, in-nobilta' tgħix hemmhekk, eċċ.
b. Ir-Raħal Malti	ikollhom tagħrif dwar il-karatteristiċi tar-raħal Malti. ikunu kapaċi jagħmlu kuntrast bejn il-bliet u l-irħula qodma ta’ pajjiżna.	Il-punti prinċipali huma: • Il-qalba tar-raħal • imsieraħ, toroq dojoq u sqaqien (kontinwita') • stili ta’ bini u knejjes • niċeċ fil-kantunieri • djar ġodda fil-pereferija tar-raħal (tibdil) • tqabbil u kuntrast ma l-bliet qodma • problemi tal-lum eż. preservazzjoni, traffiku, djar qodma, eċċ.
ċ. Iżjed karatteristiċi	ikollhom tagħrif dwar l-karatteristiċi prinċipali li wieħed isib fl-irħula tagħna u jifhmu x’kienet l-importanza ta’ dawn fl-imgħoddi.	Il-punti prinċipali huma: • Toroq imserrpin. Joffru kenn mill-irjieħ qawwija fix-xitwa u dell mis-sħana qawwija tax-xemx fis-sajf. • Niċeċ u statwi. Prova ta’ kemm il-Maltin huma devoti għat-twemmin Nisrani tagħhom. Mibnija f’kantunieri wara li ġeneralment wieħed ikun qala’ xi grazzja. Kienu jinxelgħu meta jidlam biex it-triq ma tibqax imdallma.

		• Slaleb tad-Dejma. Post fejn kienu jinġabru tad-Dejma biex jieħdu l-ordnijiet. • Kappelli żgħar. Xhieda tat-twemmin Nisrani tal-Maltin. Ħafna minnhom abbandunati kompletament. • Għajn tal-Ħasselin. Post fejn fl-imgħoddi n-nisa setgħu jaħslu l-ħwejjeġ. Forom differenti. eż. L-Imdina u l-Fontana (Għawdex).

3.2.1 Il-Ħajja Ekonomika u Soċjali fi żmien il-Kavallieri.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Xogħlijiet u impiegi	L-istudenti għandhom ikunu jafu t-tip ta' xogħol differenti li kienu jagħmlu l-Maltin u jifhmu kif ħafna minn dawn ix-xogħlijiet kienu marbuta mall-missjoni tal-Ordni bħala qawwa fuq il-baħar.	Il-punti prinċipali huma: • Ekonomija tiddependi prinċipalment fuq l-Ordni. Ix-xogħol li kellu x'jaqsam mall-vapuri. eż. sibi, qaddiefa u ġellieda fuq il-baħar, buonavoglie (qaddiefa voluntarja), kaptani, tobba jew segretarji, nies involuti fil-bini u t-tiswija tal-vapuri, il-qalfat. • Xogħol ieħor. eż. biedja, sajd, xogħol fl-isptarijiet, bennejja, bejjiegħa tal-ilma, ħaddiema fi ħwienet żgħar tal-ħaxix u tax-xorb, eċċ.
b. Servizzi ta' saħħa	jifhmu l-importanza li baqgħet tagħti l-Ordni għas-servizzi tas-saħħa.	L-isptarijiet ta' Santu Spirtu u s-Sagra Infermerija
c. Il-Qagħda tal-Maltin	jifhmu l-qagħda ġenerali soċjali tal-Maltin matul t-tmexxija tal-Ordni ta' San Ġwann.	Il-punti prinċipali huma: • Tbattija ġenerali • Taxxi għad-difiża tal-gżira • It-telf ta' qraba fil-ġlied • Is-sibi u l-jasar li kien iġib miegħu • Il-mara fis-soċjeta (tibdil fl-ilbies, xogħol fid-dar u fl-egħlieqi, trobbija tat-tfal, il-ħasselin) • L-effett tal-Inkwiżizzjoni. **(irreferi 3.3.1d)**
d. L-Edukazzjoni	jifhmu kif l-edukazzjoni f'Malta bdiet bil-mod mixja l-quddiem minkejja d-diffikultajiet eżistenti.	*Referenza ħafifa* għall-ftuħ tal-ewwel klassijiet; ħtieġa għal kitba biss min dawk li riedu jsiru qassisin, tobba, avukati, nutara u ħaddiema fiċ-ċivil mal-Ordni; il-bidu tal-Librerija Pubblika; Mikiel Anton Vassalli u l-iskola għat-tagħlim tal-Malti.

3.3.1 It-Tmexxija ta' Malta fi żmien l-Ordni.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-Gran Mastru u l-Kunsill u l-eskluzzjoni tal-Maltin mit-tmexxija	L-istudenti għandhom jifhmu kif Malta kienet immexxija b'mod awtokratiku mill-Ordni ta' San Ġwann.	Il-punti prinċipali huma: • It-tmexxija tal-Gran Mastru u l-Kunsill. • Tmexxija awtokratika. L-eskluzzjoni tal-Maltin. Ħallew biss il-Kunsill Popolari li ma kellux setgħa. • L-użu tal-bandu bħala mezz ta' kommunikazzjoni.
b. L-Ordni bħala qawwa fuq il-baħar	jifhmu l-importanza tal-Ordni bħala qawwa fuq il-baħar u jkunu jafu dwar l-espedizzjonijiet l-aktar importanti tagħha.	Il-punti prinċipali huma: • L-importanza u l-użu tal-flotta tal-Ordni. • Impiegi li kellhom x'jaqsmu ma din l-industrija. **(irreferi 3.2.1a)** • Battalji importanti eż. Lepanto.
ċ. Proġetti importanti li twettqu	ikunu jafu dwar il-proġetti l-iżjed importanti li l-Ordni ta' San Ġwann wettqet f'Malta.	Il-punti prinċipali huma: • L-akwadott.(il-qagħda tal-belt Valletta qabel ma nbena, l-importanza ta' dan il-proġett, Wignacourt u l-bini tiegħu). • Ir-restawr ta' l-Imdina minn Mondion. ➢ It-terremot ta' l-1693. ➢ Mondion jibdel wiċċ l-Imdina, ix-xogħol li sar. ➢ L-użu tal-Barokk, stil grandjuż li jitlob palazzi u swali. ➢ Inċentivi biex iħajjru l-poplu biex imur jgħix hemm.
d. L-Inkwizizzjoni.	ikunu jafu x'kienet l-Inkwiżizzjoni u x'effetti kellha fuq il-Maltin.	Il-punti prinċipali huma: • Għaliex twaqqfet l-Inkwiżizzjoni. • Is-superstizjonijiet u t-tagħlim qarrieq li tfaċċa. • Ix-xogħol tal-Inkwiżitur. • Il-pieni li kienu jiġu mogħtija. • *Referenza* għall-problemi li bdew jinqalgħu mal-Ordni u l-Isqof.

3.3.2 Żmien il-Franċiżi f'Malta.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-qagħda politika qabel l-1798	L-istudenti għandhom jifhmu kif l-Ordni ta' San Ġwann kienet tilfet ħafna mill-popolarita' hawn Malta u kienet qegħda tiffaċċja problemi kbar.	Issir *referenza għal xi wħud* minn dawn ir-raġunijiet: • L-Ordni kienet tilfet ir-rwol prinċipali tagħha bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu kontra l-għadu Milsem. • Intilef d-dħul materjali li kien iġib miegħu s-sibi. • It-telf tal-artijiet fi Franza wara r-rivoluzzjoni tal-1789. • In-nuqqas ta' popolarita' mall-Maltin (minħabba t-tmexxija awtokratika, in-nobilta' Maltija ma setgħux isiru kavallieri, taxxi, eċċ.). • Il-finanzi tal-Ordni kienu fi stat ħażin ħafna. • L-Ordni ma kellhiex fejn u ma setgħetx tiżviluppa u tħaddem il-kapital tagħha. • L-Ordni riedet toqgħod attenta mill-interess ta' qawwiet oħra f'Malta. • Bħala għaqda tan-nobli, l-Ordni kienet tilfet ħafna mir-rispett tagħha f'dawk iż-żminijiet iebsa tar-rivoluzzjoni Franċiża. • L-Ordni kien maqsum billi xi kavallieri Franċiżi nħakkmu mis-sentimenti nazzjonalistiċi li kienet ġabet magħha r-rivoluzzjoni u ħejjew it-triq għal Napuljun.
b. Il-miġja tal-Franċiżi	ikollhom tagħrif fuq kif il-Franċiżi ħadu l-gżejjer Maltin.	Il-punti prinċipali huma: • Il-wasla ta' Napuljun bil-flotta tiegħu • It-talba tiegħu għall-ilma • It-tħejjija għall-invazzjoni ta' Malta • L-oppożizzjoni fqira tal-Ordni • Il-Kapitulazzjoni.

c. It-tibdil u r-riformi mwettqa	ikollhom tagħrif u jifhmu it-tibdil prinċipali li ġabet magħha l-miġja ta’ Napuljun u r-riformi li hu wettaq.	Il-punti prinċipali huma: • Il-Kummissjoni tal-Gvern. • Malta maqsuma f’tnax il-muniċipalita'. • Il-ġid tal-Ordni sar propjeta' tar-repubblika Franċiża. • L-ordnijiet ta’ Napuljun favur it-tagħlim u l-edukazzjoni tal-Maltin. • L-ordnijiet tiegħu dwar il-Knisja u l-qassisin. • Ordnijiet oħra ġenerali eż. l-ilbies tal-kukkarda, tmiem tal-jasar u l-bonavolji, eċċ. • Taxxi ġodda.
d. L-irvell tal-Maltin u t-tkeċċija tal-Franċiżi	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu għala l-Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi, x’ġara matul dak iż-żmien imqalleb u kif il-Franċiżi ġew imkeċċija minn pajjiżna.	Il-punti prinċipali huma: • Raġunijiet għal dan l-irvell • L-imblokk • Il-mexxejja Maltin • Għajnuna minn barra • Il-Franċiżi jċedu f’Għawdex • Il-ħajja fl-ibliet • Il-ħajja fl-irħula • Il-konfoffa ta’ Dun Mikiel Xerri • Il-Kapitulazzjoni u l-ftehim bejn l-Inġliżi u l-Franċiżi.
e. Malta tgħaddi f’idejn l-Ingliżi	ikollhom tagħrif u jifhmu x’ġara f’dak iż-żmien ta’ inċertezza u kif Malta spiċċat tagħmel parti mill-Imperu Ingliż.	Il-punti prinċipali huma: • Sir Alexander Ball jinħatar gvernatur • It-trattat ta’ Amiens u d-disappunt tal-Maltin • Il-kwistjoni tas-sovranita' ta’ Malta • It-talba tal-Maltin • Il-bidu tal-ħakma kolonjali Ingliża.

3.4.1 Il-Kawżi tar-Revoluzzjoni Franċiża u l-effetti tagħha

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-kawżi tar-rivoluzzjoni Franċiża	L-istudenti għandhom jifhmu x'wassal biex il-poplu Franċiż irvella kontra l-monarkija fl-1789 u l-kriżi ġenerali li kien għaddej minnha l-pajjiż. jifhmu kif in-nobbli u l-kleru l-aktar għoli biss (li kienu numru żgħir tal-popolazzjoni) kienu qegħdin f'qagħda tajba u jgawdu minn fuq l-oħrajn.	Issir *referenza* għall-kawżi tar-rivoluzzjoni Franċiża: • Il-poter assolut tar-Re Franċiż. (despotiku, jagħmel li jrid, kollox immexxi mill-palazz ġewwa Versailles, 'lettres de cachet'- jitfa l-ħabs lil min jrid mingħajr ma jressqu l-qorti, kliem arroganti tiegħu "l-istat hu jien", jemmen fid-dritt Divin tar-Rejiet, ineffiċenza kbira, lussu żejjed). • In-nobbli u l-kleru kellhom pożizzjoni privileġġjata wisq fil-pajjiż filwaqt li l-klassi tan-nofs u t'isfel ma kellhom l-ebda qawwa. ➢ **Privileġġi tan-nobbli** (ftit li xejn iħallsu taxxi, jiġbru t-taxxa mill-bdiewa, drittijiet tal-kaċċa, setgħat varji fuq il-bdiewa, ħafna mill-art kienet tagħhom, drittijiet fewdali, igħixu fil-lussu, ma jitħalltux mal-oħrajn). ➢ **Il-bourgeosie** (tobba, avukati u nies tal-iskola, minkejja li l-qagħda finanzjarja tagħhom ma kienetx ħażina, kienu esklużi mill-pożizzjonijiet uffiċjali u mit-tmexxija tal-gvern, ma setgħux jikkritikaw is-sistema tat-tmexxija, setgħu jiġu ttorturati, ma kellhomx il-liberta li jgħażżlu r-reliġjon tagħhom). ➢ **Il-bdiewa** (igħixu f'faqar kbir, iħallsu ħafna taxxi, iħallsu d-deċmi lill-Knisja u lin-nobbli, setgħu jiġu mġiegħla jaħdmu fi proġetti

	jifhmu li r-rivoluzzjoni Franċiża ma kienetx xi ħaġa li ġrat f'kolp u li l-kawżi tagħha jmorru lura ħafna fiż-żmien. ikunu jafu li kien hemm ukoll kawżi immedjati li wasslu għal din ir-rivoluzzjoni.	pubbliċi). • Il-Kuruna Franċiża u l-kaxxa tal-pajjiż kienu falluti (minħabba l-extravaganza tal-palazz Franċiż, il-gwerer li kien iġġieled ir-Re, il-gvern ma kienx jirċievi t-taxxi kollha li jinġabru minħabba korruzzjoni). • Il-Parlament ma kien iltaqa' qatt mill-1614 (175 sena qabel). • Filosofi li kellhom influenza kbira permezz tal-kitbiet tagħhom (Montesquieu, l-Enċiklopedisti, Voltaire, Rousseau u l-idejat tagħhom). • L-effett tar-rivoluzzjoni fl-Amerika (is-suldati Franċiżi kienu ġġieldu hemm, tgħallmu l-importanza u s-sbuħija tal-liberta' u d-demokrazija). • Il-karattru tar-Re u r-Reġina (karattru dgħajjef tar-re Lwiġi XVI, jibdel id-deċizjonijiet tiegħu malajr, ir-reġina tagħmel bih li trid, kienet mibgħuda minħabba li kienet Awstrijakka u kienet tgħix f'lussu kbir. • Il-prezzijiet dejjem jogħlew tal-qamħ u l-ħobż. • Ħafna nies bla xogħol u bil-ġuħ iduru f'Pariġi. • Ix-xitwa tal-1789 kienet qalila ħafna. • Il-ħsad tal-1788 kien ħażin ħafna (f'dak iż-żmien ta' għaks).
b. X'ġara matul ir-rivoluzzjoni	ikollhom background ħafif ta' dak li ġara matul ir-rivoluzzjoni.	*Referenza* għal dawn il-ġrajjiet ewlenin : • Il-ħatfa tal-Bastilja. • Ġemgħat ta' nies jiġġerrew fit-toroq • Jitneħħew id-drittijiet fewdali. • Id-Dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. • Il-bidu tal-gwerer fl-Ewropa. • It-tneħħija tar-Re u l-eżekuzzjoni tiegħu u ta' martu.

c. L-effetti tar-rivoluzzjoni Franċiża	jifhmu kif minkejja li r-Repubblika Franċiża ma damitx ħafna għax tfaċċa Napuljun bħala dittatur, l-effetti tagħha baqgħu jinħassu matul iż-żmien.	Issir *referenza* għall-effetti prinċipali: • Il-privileġġi fewdali tan-nobbli fi Franza u fl-Ewropa tal-Punent spiċċaw darba għal dejjem. • Il-qawwa u r-rikkezzi tal-Knisja fi Franza spiċċaw darba għal dejjem. Ħafna mill-artijiet kienu sfaw ikkonfiskati. Il-bidu ta' stat lajk. • Il-ġustizja saret miftuħa għal kulħadd. Kulħadd sar ugwali quddiem il-liġi *(egalite')*. • It-taxxa bdiet tiġi miġbura b'mod iżjed ġust. • L-amministrazzjoni saret iżjed effiċjenti. Il-qagħda tal-poplu b'mod ġenerali tjiebet. Sistema ta' edukazzjoni ppjanata. Id-dħul tas-sistema metrika. Għajnuna mill-istat lill-fqar. • Biża mir-rivoluzzjonijiet f'pajjiżi oħra. Rivoluzzjonarji f'pajjiżi oħra bdew jiġu kkastigati b'mod aħrax.

N.B. L-għalliema huma mistennija li jieħu minn żewġ sa tlett lezzjonijiet biex jagħmlu din it-tema. Din it-tema għandha isservi bħala *case study* ta' studju f'kawżi u konsekwenzi. In-noti huma dettaljati biex jgħinu lill-għalliema u mhux mistenni li l-istudenti ikunu jafu dan id-dettal kollu.

Form 4

4.1.1 Id-difiża ta' Malta u wirt ieħor ta' żmien il-ħakma Ingliża

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Tibdil u irranġar tal-fortifikazzjonijiet eżistenti	L-istudenti għandhom jifhmu kif l-Ingliżi għamlu li jistgħu matul iż-żmien biex isaħħu d-difiżi li sabu hawn Malta.	 It-tisħiħ tad-difiża li l-Ingliżi sabu minn żmien l-Ordni eż. Il-Linji ta' Margerita (il-bini ta' Forti Verdala) u Kottoner. Forti Tigne, Forti Sant'Iermu, eċċ.
b. Difiża fiċ-ċentru tal-gżira	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif l-Ingliżi ipprovaw isaħħu d-difiża fiċ-ċentru ta' Malta.	Il-punti ewlenin huma: • Il-majjistral ta' Malta kien joffri portijiet u faċilitajiet tajba għall-għadu biex jillandja. • Il-bini tal-linji defensivi tal-*Victoria Lines*. Linji ġeografikament idejali biex jgħalqu l-biċċa l-kbira tal-gżira lill-għadu. • Il-bini tal-fortizzi ta' Binġemma, Mosta u Madliena u l-batterija Tarġa.
c. Fortifikazzjonijiet li jħarrsu il-portijiet	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif l-Ingliżi bnew fortifikazzjonijiet biex iħarrsu l-portijiet ta' Marsamxett u l-Kbir.	Il-bini ta' fortifikazzjonijiet biex iħarrsu l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett: • Fortizzi eż. Cambridge, Rinella, S. Rocco, Benghaisa • Batteriji eż. tas-Sliema, Garden u Lascaris.
d. Bini ta' fortifikazzjonijiet fil-Lvant u n-naħa t'Isfel ta' Malta	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif l-Ingliżi bnew fortifikazzjonijiet fil-Lvant u n-naħa t'Isfel ta' Malta	Il-punti ewlenin huma: • Fortizzi eż. S. Leonardo, tas-Silġ u Delimara • L-importanza tal-batteriji tal-kosta eż. taż-Żonqor u Wolseley.
e. Tibdil fil-metodi tal-gwerra.	jifhmu t-tibdil li ġabu magħhom it-tibdiliet fil-metodi tal-gwerra.	Il-punti ewlenin huma: • It-tibdil fl-armamenti u d-dħul ta' kanuni ikbar. • L-invenzjoni tal-ajruplan u d-difiżi kontra l-attakki mill-ajru.

f. L-istat u l-valur tagħhom	jifhmu u jkunu konxji ta' x'inhi l-kundizzjoni ġenerali ta' dan il-wirt u x'jista jsir biex dan jiġi mħares.	Il-punti ewlenin huma: • L-importanza ta' dan il-wirt • L-istat b'mod ġenerali ta' dawn id-difiżi • Kif dan il-wirt jista' jiġi mħares u restawrat.
g. L-Arkitettura Ċivili fl-ewwel snin tal-Ħakma Ingliża	jifhmu li ftit li xejn sar tibdil fl-arkitettura ċivili f'Malta matul l-ewwel snin tal-ħakma Ingliża.	Il-punti ewlenin għall-ewwel snin tal-ħakma Ingliża: • Ftit bini ċivili u ftit influwenza fuq l-arkitettura ċivili. Sabu ħafna bini tal-kavallieri u wżawhom eż. Il-Palazz Maġisterjali u l-bereġ. • Il-Maltin, influwenzati mill-Knisja Kattolika, kienu jippreferu l-kwalitajiet dekorattivi tal-barokk. • L-Ingliżi pprovaw jintroduċu l-arkitettura romantika biss meta kienet tinbena xi ħaġa.
h. Influwenza Ingliża fuq l-arkitettura ċivili Maltija fis-snin ta' wara	jifhmu l-metodi li wżaw l-Ingliżi biex jinfluwenzaw l-arkitettura f'Malta. ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif l-influwenza Ingliża fuq l-arkitettura Maltija biż-żmien bdiet tinħass.	*Referenza għal xi* metodi li wżaw l-Ingliżi biex jinfluwenzaw l-arkitettura f'Malta eż. daħħlu t-tagħlim dwar l-istil romantiku fil-kors tal-arkitettura fl-Universita', boroż ta' studji u opportunitajiet oħra lill-periti Maltin, liġijiet ġodda dwar il-bini (ventilazzjoni tajba u dawl aħjar, il-kunċett ta' plot rettangulari bi ġnien fuq wara), bini mill-Ingliżi nfushom. *Referenza għal* fatt li l-espressjoni neogotika daħlet wara l-1850. Eżempji ta' influwenza Ingliża: il-monument ta' Sir Alexander Ball, l-isptar navali ta' Bighi, il-knisja Anglikana u l-knisja Presbitali fil-Belt, ir-rotunda tal-Mosta, il-knisja tal-Karmnu fil-Balluta, iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, il-kappella Metodista (Floriana), knejjes neogotiċi oħra eż. Trinita' Mqaddsa (Sliema), Lourdes (Mġarr, Għawdex). Issir r*eferenza* wkoll għall-vilel fil-kampanja ta' stili neogotiċi.
i. Influwenza Ingliża wara t-Tieni Gwerra Dinjija	jifhmu x'influwenza kellhom l-Ingliżi fuq il-bini wara t-Tieni Gwerra Dinjija.	*Referenza għal* skemi ta' ppjanar forma ta' grada, vilel b'ġardina quddiem maqtugħa minn bini, *'promenades*' wesgħin madwar il-kosta, faċilitajiet oħra ta' influwenza Ingliża eż. każini, pitches tal-polo, pubs, eċċ.

4.2.1 Il-ħajja soċjali matul l-aħħar mitejn sena

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. L-Edukazzjoni	L-istudenti għandhom jifhmu l-progress li sar matul iż-żmien.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • L-edukazzjoni fil-bidu tas-seklu dsatax • Il-Kummissjoni Rjali ta' l-1836 • Il-ftuħ tal-iskejjel f'ħafna rħula • Ir-Rapport ta' Keenan • Il-kwistjoni tal-lingwa • Edukazzjoni obbligatorja wara t-Tieni Gwerra • Skola sekondarja għal kulħadd.
b. Djar	jifhmu l-problemi assoċjati mad-djar.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Nuqqas ta' djar fil-Belt u l-Furjana fis-seklu dsatax • Nuqqas ta' inizzjattivi mill-Gvern • Il-bini ġdid li beda jsir fil-bidu tas-seklu għoxrin fl-irħula differenti eż. Raħal Ġdid, Marsa • Il-qagħda sanitarja ħażina li kien jinsab fiha l-bini l-qadim eż. Il-Mandraġġ • L-effett tal-gwerra u r-rikostruzzjoni • Il-bini ta' 'housing estates' f'diversi lokalitajiet.
c. Trasport	ikollhom tagħrif dwar il-mezzi differenti tat-trasport li żviluppaw f'pajjiżna matul iż-żmien u jifhmu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom missirijietna.	M'hemmx għalfejn li l-istudenti jkunu jafu ħafna dettalji żejda fuq il-mezzi ta' trasport. Il-mezzi tat-trasport prinċipali li l-istudenti għandhom jitgħallmu fuqhom huma: • Il-kaless • L-omnibus • It-trejn • It-tram • Il-laneċ • Il-karozzi tal-linja • It-trasport bejn Malta u Għawdex.

d. Saħħa Pubblika.	ikollhom ideja ġenerali tal-qagħda ta' saħħet il-poplu.	Għandha tingħata mportanza lil: • Mard infettiv li kien jiffaċċja eż. pesta, kolera, ġidri, deni rqiq • Is-sehem ta' Sir Temi Zammit fil-marda tad-deni rqiq • Il-problema tad-drenaġġ u n-nuqqas ta' sanita fid-djar • L-isptarijiet u l-kura • Il-provista tal-ilma (l-Akwadott tal-Fawwara, Chadwick Report).
e. L-istil tal-ħajja.	ikunu konxji tat-tibdiliet fl-istil tal-ħajja tal-poplu matul iż-żmien.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • Is-sempliċita' tal-ħajja qabel it-Tieni Gwerra • Il-ħajja fir-raħal • L-influwenza tas-servizzi Ingliżi • L-influwenza tal-media • L-effett tal-emigrazzjoni • L-effett tat-turiżmu.
f. Divertiment.	ikunu konxji mid-differenzi li kienu jeżistu fl-imgħoddi fil-mezzi tad-divertiment.	Għandha tingħata importanza lil: • Festi tar-raħal • It-tiġrijiet taż-żwiemel • L-Imnarja • Il-wirjiet agrikoli • L-għana • Il-Karnival • Il-Każini u l-baned • Il-bidu tal-isports • Il-ħwienet tal-inbid fl-irħula.

4.2.2 L-iżvilupp demografiku f'Malta fl-aħħar mitejn sena

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Iż-żieda fil-popolazzjoni	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif kif u jifhmu għala l-popolazzjoni f'Malta żdiedet fl-aħħar mitejn sena.	Il-punti ewlenin għandhom ikunu: • xi tfisser demografija • għala u kif il-popolazzjoni ta' Malta bdiet tiżdied b'mod mgħaġġel fis-seklu dsatax • l-effett tal-mard fuq il-popolazzjoni eż. pesta, kolera u ġidri • il-'boom' fit-twelid tat-trabi wara l-gwerra.
b. Problemi li nqalgħu	jifhmu d-diffikultajiet ewlenin li nqalgħu minħabba ż-żieda kbira fil-popolazzjoni.	Il-punti ewlenin: • in-nuqqas ta' xogħol • il-faqar li l-poplu Malti ħabbat wiċċu miegħu.
c. L-Emigrazzjoni	jifhmu kif fil-passat l-emigrazzjoni kienet is-sistema rikurrenti biex tipprova issolvi l-problemi kbar li ġabet magħha ż-żieda fil-popolazzjoni u konsekwentament tan-nuqqas tax-xogħol f'pajjiżna.	Il-punti prinċipali huma: • l-emigrazzjoni bħala rimedju għan-nuqqas tax-xogħol • l-emigrazzjoni fis-seklu dsatax lejn pajjiżi fil-qrib • l-emigrazzjoni fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin lejn l-Amerika, il-Gran Brittanja, il-Kanada u l-Awstralja • iż-żieda kbira fl-emigrazzjoni wara t-Tieni Gwerra • l-effetti ta' l-emigrazzjoni fuq Malta eż. nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, effett fuq il-familji, eċċ.
d. L-iżvilupp tas-subborgi	jifhmu kif iż-żieda fil-popolazzjoni u b'hekk fin-numru tad-djar wasslet għall-iżvilupp ta' subborgi ġodda.	Il-punti prinċipali huma: • iż-żieda fil-popolazzjoni tal-Belt wasslet għall-iżvilupp tas-subborgi tal-Ħamrun, Msida, Sliema, eċċ. • l-iżvilupp tat-Tarżna jwassal għall-iżvilupp tas-subborg tar-Raħal il-Ġdid • l-iżvilupp ta' irħula fil-kampanja.

4.2.3 L-ekonomija Maltija matul is-sekli dsatax u għoxrin.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. L-agrikoltura, is-sajd u l-bini	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza li kellhom l-industriji tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-bini matul l-aħħar mitejn sena.	Il-punti prinċipali huma: • il-problemi li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom il-Maltin f'dawn l-oqsma • l-irħula marbuta ma' dawn l-industriji • snajja oħra marbuta ma dawn l-industriji.
b. It-Tarzna	jifhmu l-importanza tat-Tarzna matul iż-żmien, il-kontribut tagħha fi żmien ta' gwerra u l-iżvilupp kontinwu li kien qiegħed isir.	Għandha ssir *referenza* għal dawn il-punti prinċipali: • l-iżvilupp tat-Tarzna fix-xatt ta' Bormla (1840's) u l-French Creek (1860's) • bini ta' baċiri ġodda fil-bidu tas-seklu għoxrin • it-Tarzna matul iż-żmien ta' gwerra eż. l-Ewwel u t-Tieni Gwerer Dinjija • servizz lil vapuri kummerċjali mill-aħħar tal-1950's.
c. Minn ekonomija ta' fortizza għal struttura ekonomika ġdida	jifhmu l-bidliet li kienu meħtieġa li jsiru biex Malta tikkonforma ekonomikament mall-ħtiġijiet tal-lum.	Il-punti prinċipali huma: • ix-xogħol mas-servizzi Ingliżi • problemi ta' xogħol wara l-gwerra u r-'rundowns' tas-Servizzi • *referenza ħafifa* għall-pjani ta' l-iżvilupp bl-iskop ta' struttura ekonomika ġdida • l-importanza tat-turiżmu llum.

4.3.1 Il-Mixja lejn stat independenti.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin	L-istudenti għandhom jifhmu l-isfont ġenerali tal-aspirazzjonijiet politiċi Maltin qabel l-1921.	*Referenza ħafifa* għal dawn il-punti: • l-aspirazzjonijiet politiċi tal-Maltin matul is-seklu dsatax • tmexxija diretta mill-Gvernatur sa l-1849 • minkejja li ngħataw xi kostituzzjonijiet ftit li xejn sar progress sa l-1921.
b. Is-Sette Guigno u l-kisba ta' kostituzzjoni ta' Gvern tal-1921	jifhmu x'wassal għall-ġrajjiet tas-Sette Giugno jifhmu x'ġara f'dawk il-ġranet.	Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu għal dan l-irvell huma: • il-prezz għoli tal-ħobż li kien importanti ħafna fid-dieta tal-Maltin • il-qaghad kbir li kien hemm wara l-Ewwel Gwerra minħabba is-sensji fit-Tarzna • l-aspirazzjonijiet politiċi tal-Maltin ma kienux ġew sodisfatti • differenzi kbar fil-pagi bejn impiegati Maltin u Ingliżi • differenzi kbar fil-pagi bejn min jaħdem u min iħaddem • żieda fit-taxxi eż. tas-suċċessjoni • it-twelid tat-*Trade Unions* u l-ewwel strike fl-1917 • l-influenza tal-gazzetti • id-disgwir fost l-istudenti tal-universita'. Issir *referenza ħafifa* għal ġrajjiet tas-7 u t-8 ta' Gunju. L-istudenti għandhom jifhmu li dan l-irvell kien immirat kontra l-Ingliżi u kontra dawk li kienu qegħdin igawdu magħhom.

	jifhmu x'effett kellhom dawn il-ġrajjiet fuq l-istorja politika u kostituzzjonali ta' Malta. jifhmu x'kienet tfisser il-kostituzzjoni tal-1921.	L-effetti prinċipali ta' dawn il-ġrajjiet: • id-dikjarazzjoni ta stat ta' emerġenza għal xi żmien • il-għotja tal-kostituzzjoni tas-*self-government* tal-1921 • it-twaqqif tat-*Trade Union Council* fl-1920 • it-twaqqif tal-Partit Laburista fl-1921. Il-punti prinċipali huma: • Malta kellha titmexxa minn ❖ Senat ta' sbatax il-membru (jinkludi żewġ rappresentanti tal-Kleru, nobilta', l-Universita', il-Kamra tal-Kummerċ, it-*Trade Union Council* u seba' membri eletti) ❖ Kamra tar-rappresentanti magħmula minn 32 mebru li jiġu eletti erbgħa minn kull distrett. • il-Gvern Ingliż żamm f'idejħ il-materji riservati eż. difiża, l-armata, affarijiet barranin, immigrazjoni u l-istampar tal-flus. • l-affarijiet l-oħra f'idejn il-Gvern Malti. • l-Ingliż ġie ddikjarat bħala lingwa uffiċjali ta' Malta filwaqt li t-Taljan inżamm bħala l-lingwa tal-Qrati.
c. Il-Kostituzzjoni tal-1947	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-għotja tal-kostituzzjoni tal-1947.	Il-punti prinċipali huma: • kostituzzjoni ta' *self government* bi gvern responsabbli u aktar poteri • is-Senat tneħħa u baqa biss il-Kamra tar-rappresentanti magħmula minn 40 membru • l-irġiel u n-nisa (l-ewwel darba li kellhom il-vot) kollha 'l fuq minn 21 sena setgħu jivvotaw

		• il-materji riservati eż. Affarijiet Barranin, Tarzna u komunikazzjoni baqgħu f'idejn il-Gvern Ingliż • il-Malti u l-Ingliż ġew konfermati bħala l-lingwi uffiċjali ta' Malta.
d. Sehem responsabli fit-tmexxija sa l-1964 u stat independenti wara	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-kostituzzjoni tal-1964.	Il-punti ewlenin huma: • x'wassal għall-kostituzzjoni tal-1964 • nuqqas ta' ftehim dwar ċerti punti importanti li kellhom jidħlu fil-kostituzzjoni • il-Gvern Ingliż ifassal kostituzzjoni hu • il-maġġoranza tal-Maltin jivvotaw favur din il-kostituzzjoni • Malta issir Monarkija fil-Commonwealth Ingliż • Gvern magħżul mill-Maltin kollha • il-Kap simboliku tal-istat kienet ir-Reġina ta' Malta; il-Gvernatur Ġenerali rappreżentant tagħha f'Malta • l-effett ta' din il-kostituzzjoni fuq it-tmexxija ta' pajjiżna.
	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-kostituzzjoni tar-repubblika.	Il-punti ewlenin huma: • x'wassal għall-kostituzzjoni tal-1974 • ftehim bejn il-partiti l-kbar dwar it-tibdiliet • Malta saret repubblika; jinħatar President bħala l-Kap tal-Istat minflok ir-Reġina • affarijiet li kienu għadhom taħt il-kontrol tal-Ingliżi (enerġija, xandir, telekomunikazzjoni, il-port u l-airport) għaddew f'idejn il-Maltin. • l-effett ta' din il-kostituzzjoni fuq it-tmexxija ta' pajjiżna. • din il-kostituzzjoni għadha sallum il-liġi suprema ta' Malta.

4.4.1 Kawżi u effetti tar-rivoluzzjoni industrijali.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Definizzjoni	L-istudenti għandhom ikunu jafu xi tfisser ir-rivoluzzjoni industrijali.	Definizzjoni: Numru ta' bidliet li wasslu biex ix-xogħol beda jsir bil-magni ġo fabbriki kbar minflok bl-idejn fid-djar jew ħwienet żgħar.
b. Il-bidu ta' din ir-rivoluzzjoni	ikollhom tagħrif dwar il-bidu ta' din ir-rivoluzzjoni.	Issir *referenza ħafifa* għal dawn il-punti prinċipali: • l-invenzjoni tal-magna taħdem bl-istim minn James Watt • l-introduzzjoni tal-faħam biex jipprovdi l-enerġija • il-kommunikazzjoni u t-traġit tal-merkanzija saru aħjar bid-dħul tal-ferrovija u aktar tard tal-vapuri tal-istim.
c. Għala r-rivoluzzjoni industrijali bdiet fil-Gran Brittanja	jifhmu r-raġunijiet għala r-rivoluzzjoni industrijali bdiet fil-Gran Brittanja.	Għandha ssir *referenza għal xi wħud* mInn dawn ir-raġunijiet: • ir-rivoluzzjoni agrarja; għodod aħjar; produzzjoni ta' aktar ikel għal iżjed nies; bżonn ta' inqas nies li jaħdmu fl-agrikoltura • ir-riżorsi naturali kbar ta' ħadid u faħam li kellha l-Gran Brittanja • is-suq kbir li kellha minħabba l-ħafna kolonji • il-flotta merkantili kbira tal-Gran Brittanja u Navy b'saħħitha biex tħares ir-rotot tan-negozju tagħha • il-popolazzjoni tagħha kienet qeghda tikber u għalhekk kellha iżjed nies min jaħdem • kellha Gvern u amministrazzjoni stabbli • ma kienx hemm barrieri tad-dwana interni li jfixklu n-negozju.

		• pożizzjoni ġeografika tajba biex tinnegozja mad-dinja • sistemi żviluppati ta' investiment (banking) u insurance • kellha l-kapital meħtieġ biex jiġi nvestit (qabel dan kien jintuża fix-xiri ta' l-iskjavi) • għal ħafna snin ma kienx hemm l-ebda ġlied intern fil-pajjiż.
d. Kif xterdet	ikunu jafu liema pajjiżi saru industrijalizzati mill-bidu u liema pajjiżi baqgħu relattivament lura.	Il-punti prinċipali huma: • pajjiżi avvanzati fis-seklu dsatax – Gran Brittanja, Belġju, Franza u Ġermanja. • il-pajjiżi l-oħra baqgħu relattivament lura eż. Spanja, Russia, Italja.
e. L-effetti tar-rivoluzzjoni industrijali	jifhmu x'kienu l-effetti prinċipali ta' din ir-rivoluzzjoni.	Għandha ssir *referenza għal xi wħud* mill-effetti prinċipali: • it-titjib tal-kommunikazzjoni eż. il-bini ta' kanali, iż-żieda fit-trenijiet, iż-żieda fil-vapuri (aktar tard tal-istim), il-bini ta' toroq aħjar • iż-żieda fil-popolazzjoni • ħafna minn nies tal-kampanja marru joqogħdu fl-ibliet • iż-żieda fil-produzzjoni tal-faħam u l-ħadid • iż-żieda fl-armi eż. kanuni • iż-żieda fl-imperialiżmu • il-qagħda sanitarja ħażina fl-ibliet minħabba t-tniġġis tal-fabbriki • il-kondizzjonijiet ħżiena fil-fabbriki eż. sigħat twal ta' xogħol, dixxiplina iebsa ħafna, xogħol min-nisa u t-tfal • idejat soċjalisti u l-bidu tat-trejduninjiżmu • invenzjonijiet ġodda eż. l-elettriku, il-karozza, eċċ.

4.4.2 It-Tieni Gwerra Dinjija.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-kawżi ta' din il-gwerra	L-istudenti għandhom ikunu jafu għala nqalgħet din il-gwerra. jifhmu għala Malta sabet ruħha fl-eqqel ta' din il-gwerrra.	Għandha ssir *referenza għal xi wħud* mir-raġunijiet prinċipali: • Il-Ġermanja ma kienetx kuntenta bil-ftehim li kien ġie impost fuqha wara l-ewwel gwerra. • L-arroganza u l-ambizzjoni ta' Ħitler, li kien imexxi lill-Ġermanja Nażista u ta' Mussolini li kien imexxi l-Italja Faxxista. • Il-ġirja għall-armi miż-żewġ naħat. • Il-falliment u l-isfaxxar tal-Lega tan-Nazzjonijiet. • Il-falliment ta' diversi konferenzi għall-paċi. • L-invazjoni ta' Ħitler ta' diversi nazzjonijiet eż. Awstrija, Ċekoslovakia u l-Polonja. Il-punti prinċipali huma: • il-pożizzjoni strateġika ta' Malta. • l-effetti tal-fatt li Malta kienet qrib l-Italja.
b. Ir-rebħa tal--Allejati	jifhmu għala l-Allejati rebħu din il-gwerra.	Għandha ssir *referenza għal xi wħud* mir-raġunijiet prinċipali: • il-qawwa tal-ajru tal-Gran Brittanja *(Battle of Britain)* • il-kobor ġeografiku tal-istat tar-Russia (il-Ġermaniżi sabu diffikultajiet kbar fejn jidħlu kommunikazzjonijiet). • il-ġlieda mill-Ġermanja fuq żewġ fronti. • id-dħul tal-qawwa tal-Istati Uniti fil-gwerra.

		• is-superiorita' allejata fuq il-baħar. • la darba organizzaw ruħhom, l-allejati kollha flimkien kellhom iżjed nies, flus, risorsi naturali, kapaċita' industrijali u ħila xjentifika.
c. Il-qagħda ta' Malta matul din il-gwerra	jifhmu x'kienet tfisser din il-gwerra għal Malta u janalizzaw il-qagħda ta' Malta matul din il-gwerra. jinterpretaw u jempatizzaw kif kienu jħossu ruħhom in-nies f'dak iż-żmien.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • il-ħbit mill-ajru u l-ħsara fil-bini • l-użu tax-xelters • it-tbatija kbira u l-ġuħ u l-għaks li sofrew il-Maltin • id-difiża ta' Malta matul il-gwerra • il- wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija • il-kuraġġ kbir tal-Maltin • l-għotja tal *George Cross* bħala rikonoxximent tal-qlubija tal-Maltin.
d. L-effetti ta' din il-gwerra	jifhmu x'kienu l-effetti ta' din il-gwerra fuq l-Ewropa u d-dinja b'mod ġenerali.. jifhmu t-tibdil li sar fil-metalita' f'pajjiżna wara l-gwerra.	Għandha ssir *referenza għal xi wħud* mill-effetti prinċipali: • ħafna mwiet u djar mwaqqa' • pajjiżi b'ekonomija mkissra • il-qasma politika tal-Ġermanja • il-biża tal-Kommuniżmu fil-Punent • il-bidu tal-Gwerra l-Bierda • il-miġja tal-bombi nuċlejari • l-Amerika u l-Unjoni Sovjetika bħala superpotenzi • il-bidu tal-Għaqda tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • il-Maltin kienu tħalltu sew mal-barrani • iddakkru mill-istil ta' ħajja tagħhom • iddakkru mill-kultura tagħhom.

Form 5

5.1.1 Il-Preistorja

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Tifsira tal-preistorja.	L-istudenti għandhom jifhmu xi tfisser il-preistorja u d-diffikultajiet li kellu jħabbat wiċċu magħhom il-bniedem f'dak iż-żmien.	Il-punti prinċipali huma: • xi tfisser il-preistorja • *referenza* għar-rivoluzzjoni neolitika - minn nomadu għal bidwi; il-kawżi prinċipali (bidla fil-klima minn żmien kiesaħ għal wieħed iżjed sħun, il-bniedem beda jipproduċi ikel żejjed għalih u għall-annimali). • it-tlett taqsimiet prinċipali tal-preistorja f'Malta u *referenza* għall-fażijiet differenti ta' dawn il-perjodi.
b. Il-perjodu Neolitiku	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif setgħet kienet il-ħajja fiż-żmien neolitiku.	Il-punti prinċipali huma: • l-importanza ta' Għar Dalam għall-istudju tal-preistorja Maltija • xi għerien oħra eż. Il-Mixta • l-ewwel fdalijiet ta' djar fi Skorba • l-oqbra tax-Xemxija.
c. Żmien ir-Ram jew Żmien it-Tempji.	ikollhom tagħrif dwar u jkunu konxji mill-importanza tal-imqades u fdalijiet oħra li nstabu.	Il-punti prinċipali huma: • *Referenza* għall-imqades prinċipali: ➢ L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni ➢ Ħaġar Qim ➢ Tarxien ➢ Ġgantija ➢ Mnajdra ➢ Ta' Ħaġrat ➢ Tas-Silġ

	jifhmu kif u għaliex għandna nħarsu dan il-wirt.	• l-istrutturi u l-karatteristiċi ta dawn t-tempji • id-dawl li jitfgħu fuq it-twemmin reliġjuż • tpinġijiet li għadhom jidhru u x'juru dawn dwar il-ħajja tal-bniedem f'dak iż-żmien. • fdalijiet oħra li nstabu eż. oqbra, fuħħar u għodod • kif dan il-wirt storiku qiegħed jiġi rrestawrat u mħares illum.
d. Żmien il-Bronż	ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet ta' dan il-perjodu u jifhmu x'dawl jagħtu fuq il-ħajja tal-bniedem f'dak iż-żmien.	Il-punti prinċipali huma: • ħitan difensivi eż. Borġ in-Nadur • dolmen u menhir • ġwiebi f'għamla ta' qanpiena • il-'Cart ruts' • fdalijiet diversi eż. Mtarfa, il-ħotba ta' San Martin, il-Baħrija • x'dawl jagħtu fuq il-ħajja tal-bniedem f'dak iż-żmien.

5.2.1 Il-karatteristiċi ewlenin tal-kampanja Maltija

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Ir-Razzett	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif dwar ir-razzett Malti u jifhmu l-karatteristiċi ewlenin tiegħu u għala dan kien importanti.	Il-punti ewlenin huma: • mibni f'nofs ir-raba' • oriġini Għarbija (saqaf ċatt biex jinġabar l-ilma tax-xita u ismijiet tal-kmamar semitiċi eż. għorfa) • adattat għall-klima Maltija (iżomm il-frisk fis-sajf u s-sħana fix-xitwa) • joffri kenn u sigurta' • jaqdi l-bżonnijiet soċjali u ekonomiċi tal-bidwi • deskrizzjoni ta' razzett tipiku. Erba' partijiet prinċipali u l-użu tagħhom ➢ maqjel ➢ għorfa ➢ bitħa ➢ mandra • karatteristiċi oħra eż. kantunieri u ħnejjiet mibnija bis-sejjieħ, bir jew ġibja għall-ħażna tal-ilma, xorok, ċangaturi tal-franka midluka biż-żejt tal-kittien, assenza ta' ħġieġ fit-twieqi, l-użu tal-kileb, taraġ mikxuf fil-bitħa (setaħ), ġeneralment sular wieħed, eċċ. • Bosta rziezet illum saru *'converted farmhouses'*, rziezet irranġati b'kumditajiet u lussu biex jgħixu fihom. Popolari mat-turisti.

b. Il-Ħitan tas-sejjieħ	ikollhom tagħrif dwar il-ħitan tas-sejjieħ u jifhmu x'inhuma l-karatteristiċi ewlenin tagħhom.	Il-punti ewlenin huma: • X'aktarx imorru lura għall-ħakma Għarbija • jifirdu għalqa minn oħra u l-egħlieqi mit-toroq • speċi ta' taraġ biex l-egħlieqi jinħaddmu fuq terran wieħed • idejali għal kundizzjonijiet ġeografiċi ta' Malta • mibnija b'sengħa kbira, ġebla fuq ġebla mingħajr tajn, ġebel ta' daqs differenti. • L-ilma tax-xita jġorr ħafna ħamrija minn ġol-ħitan tas-sejjieħ. Għalhekk dawn il-ħitan ikunu mimlija pjanti u ħaxix selvaġġ.
Ċ. Girna	ikollhom tagħrif dwar il-giren u jifhmu l-karatteristiċi ewlenin tagħhom u għala dawn kienu importanti.	Il-punti ewlenin huma: • tintuża għal kenn mill-qilla tax-xemx jew mix-xita jew ksieħ • mibnija b'ġebel li jinġabar mill-għalqa • mibnija fuq stil ta' ħajt tas-sejjieħ • giren tondi u kwadri • ħajt ta' barra jinbena inklinat biex jilħaq il-livell tas-saqaf • ħitan dobblu. L-ispazju jintela bil-mazkan u ż-żrar • bieb wieħed li dejjem iħares lejn Lvant • serviet ukoll bħala maqjel fejn ir-raħħala idaħħlu l-bhejjem, jagħlfuhom u jħalluhom jistkennu waqt il-maltemp li jagħmel fix-xitwa • l-importanza tal-preservazzjoni tagħha.

d. Dura, Ħorża, Barumbara u l-Imtieħen	ikollhom tagħrif dwar dawn u jifhmu x'kienu l-karatteristiċi ewlenin tagħhom u għala dawn kienu importanti.	Il-punti ewlenin huma:
		• Dura
		  ➢ post fejn il-kaċċatur jew in-nassab jarma
		  ➢ dawra tond jew qaleb kbir mibnija bil-ġebel tas-sejjieħ.

		• Ħorża ➢ ġebla li tkun fuq il-bokka tal-bir ➢ ġebla waħda tal-franka ➢ għamla ta' piramida bla ponta. • Barumbara ➢ insibuha mal-ħitan tar-rziezet qodma ➢ ġeneralment mibnija fil-għoli ➢ żewġ fillieri toqob magħmulin apposta biex ibejjet fihom il-ħamiem. • L-Imtieħen ➢ komuni ħafna fl-imgħoddi ➢ jaħdmu bir-riħ, sitt iqlugħ ➢ jidħnu l-qamħ għall-użu tal-familji tal-inħawi ➢ imtieħen restawrati eż. Żurrieq u Qala, Għawdex.
e. Importanza u preservazzjoni	jifhmu għala dan il-wirt huwa importanti. jifhmu l-ħsara ambjentali li qegħda issir fil-kampanja u l-importanza tal-preservazzjoni u r-restawr ta' dan il-wirt.	Il-punti ewlenin huma: • xhieda ħajja tal-ħajja tal-imgħoddi • dehra karatteristika lill-ambjent ta' pajjiżna • jagħti identita' lill-artna • xhieda tal-ħila tal-ħaddiem Malti • juri kemm il-ħajja kienet iebsa fl-imgħoddi. Il-punti ewlenin huma; • ħafna drabi dan il-wirt jispiċċa abbandunat u vittma tal-vandaliżmu • jitwaqqa' biex jagħmel il-wisa' għall-bini modern • qegħdin nitilfu parti importanti mill-istorja ta' pajjiżna • xogħol ta' tindif u restawr f'bini li hu meqjus ta' importanza.

5.3.1 L-Identita' Maltija

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
X'jagħmilna Maltin u l-influwenzi barranin fuq Malta.	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif u jifhmu x'jifforma l-identita' Maltija. jifhmu x'qiegħed jinfluwenza l-istil tal-ħajja Maltija u d-drawwiet tagħna.	Il-punti prinċipali huma: • ilsien pajjiżna • festi, drawwiet u tradizzjonijiet • il-valuri Insara • simboli nazzjonali oħra. *Referenza* għal ➢ il-bandiera Maltija ➢ l-innu nazzjonali ➢ widnet il-baħar ➢ il-merill ➢ is-salib ta' Malta. Influwenza fuq l-istil tal-ħajja Maltija u d-drawwiet tagħna ta' dawn il-fatturi: • it-taħlit mal-barranin • l-emigrazzjoni • il-mass media • it-turiżmu.

5.3.2 L-użu tal-qagħda stateġika ta' Malta matul iż-żmien.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. L-interess tal-qawwiet il-kbar matul iż-żmien.	L-istudenti għandhom jifhmu l-importanza tal-Port il-Kbir u għala diversi qawwiet urew interess f'Malta matul iż-żmien.	Il-punti prinċipali huma: • il-pożizzjoni strateġika ta' Malta • qawwiet li ħakmu l-gżejjer Maltin matul iż-żminijiet • pajjiżi oħra li urew interess f'Malta.
b. Il-kontribut ta' Malta.	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu is-sehem kbir li tat Malta lill-pajjiżi oħra matul iż-żminijiet. ikunu konxji mir-rwol ta' Malta illum meta mqabbel mal-imgħoddi.	Il-punti prinċipali huma: • *Referenza ħafifa* għal kif bosta qawwiet għamlu użu minn Malta qabel l-1530; Malta bħala bażi navali • l-importanza marittima ta' Malta matul il-perijodu tal-Kavallieri • is-sehem ta' Malta matul diversi gwerer eż. Il-gwerer Napoljoniċi, il-gwerra tal-Krimea, iż-żewġ gwerer dinjija, eċċ. • l-effett tal-ftuħ tal-Kanal tas-Swejż • Malta bħala ċentru ta' servizzi fil-Mediterran eż. it-Tarzna. Il-punti prinċipali huma: • bidla fir-rwol ta' Malta wara l-Independenza • Malta bħala ċentru tas-servizzi fil-Mediterran • ir-rwol ta' Malta illum eż. il-Freeport.

5.4.1 Il-Wirt Arkitettoniku taċ-Ċiviltajiet fil-Mediterran.

Taqsimiet tat-Tema	Miri ta' Taghlim	Noti
a. Il-Piramidi tal-Eġittu	L-istudenti għandhom ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-Piramidi.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu: • għalfejn inbnew, oqbra għall-Farawni jew is-slaten tagħhom • madwar tmenin piramida • l-aktar tlieta magħrufa ġewwa Ġiża • eżempji tal-arkitettura tagħhom, tipi (Sphinx) • il-Piramida l-Kbira mibnija madwar is-sena 2600 Q.K. • l-ibbalzmar tal-iġsma u d-dfin tal-Eġizzjani • X'juruna l-Piramidi (li l-Eġizzjani kienu jemmnu f'ħajja oħra).

b. L-Akropoli ta' Ateni	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-Akropoli ta' Ateni.	Il-punti prinċipali għandhom ikunu:
		• nies jgħixu fuq din l-għolja fi żminijiet Neolitiċi
		• L-għola ntużat
		    ➢ għal qima
		    ➢ bħala post ta' abitazzjoni
		    ➢ bħala fortizza għad-difiża
		• il-Partenon, l-aktar tempju importanti fost it-tlieta li nsibu fuq l-Akropoli
		• stil Doriku bi sbatax il-kolonna għat-tul u tmienja fil-wisa'.
		• l-użu tal-Joniku (ħajt fiċ-ċella, daħla għall-Akripoli)
		• xeni mill-mitoloġija Ġriega fil-pedamenti tat-tempji
		• ħsara minħabba t-tniġġis.

c. It-tempji Griegi f'Agrigento	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tat-tempji Griegi f'Agrigento.	Il-punti prinċipali huma: • Wied it-tempji eż. it-tempju ta' Ġuno, ta' Concordia, ta' Hercules, ta' Zeus, ta' Demeter, eċċ. • għala nbnew • nbnew fir-raba' u l-ħames seklu Q.K. • l-istil użat • l-istat tagħhom • attrazzjoni turistika.
d. Il-Kolossew f'Ruma	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-Kolossew f'Ruma.	Il-punti prinċipali huma: • magħruf ukoll fil-bidu bħala l-amfiteatru ta' Flavju • inbena fis-sena 72W.K. • fih erba' sulari; 80 arkata fit-tliet sulari t'isfel; ir-raba' sular huwa itwal u fih bosta twieqi • l-arkati huma mifruda minn xulxin b'kolonni iddekorati fit-truf tagħhom • għall-bidu kienu jsiru wirjiet mill-gladjaturi; ġlied bejniethom jew ma annimali feroċi • hawnhekk l-ewwel Insara kienu jintefgħu biex jinqatlu mill-annimali selvaġġi • restawrat fl-1808 mill-Papa Piu VII.
e. Fdalijiet Rumani f'Sabratha u f'Kartaġni	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-fdalijiet Rumani f'Sabratha u f'Kartaġni.	Il-punti prinċipali huma: • **Sabratha** ➢ mibnija fl-ewwel u t-tieni seklu W.K. ➢ teatru Ruman miżmum tajjeb, jintuża għall-kunċerti u rappreżentazzjonijiet oħra ➢ banjijiet pubbliċi, tempji, mużajk, funtani u fdalijiet oħra importanti tal-perijodu Klassiku • **Kartaġni** ➢ prosperita' qabel il-Gwerer Puniċi ➢ ir-Rumani bnew fuq il-fdalijiet ta' Kartaġni l-

		Antika u allura qerduha ➢ l-Għarab qerdu ħafna minn Kartaġni taż-żmien ir-Rumani ➢ bosta mill-istorja ta' Kartaġni l-Antika tinsab fin-nekropoli (post għad-dfin); baqa' biss xi oqbra Puniċi, niċeċ u fortifikazzjonijiet ➢ fdalijiet tal-perijodu Ruman eż. banjijiet, amfiteatru, akwedotti u xi bini ieħor.
f. L-arkitettura Mora ta' Alhambra	ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-arkitettura Mora ta' Alhambra.	Il-punti prinċipali huma: • it-tifsira tal-kelma 'Mora'. • arkitettura Mora mill-aqwa tas-seklu tlettax • l-importanza ta' Granada • palazzi, funtani u ġonna eż. *Lions' Court*, il-ġonna ta' *Ġeneralife*, il-fortizza ta' Alcazat. • bini barokk u rinaxximentali iżjed tard mis-slaten Insara.
g. Apprezzament ta' dan il-wirt	japprezzaw aktar il-wirt li għandna fil-Mediterran, wirt li jmur lura eluf ta' snin u hu parti integrali mill-wirt Ewropew. Il-wirt Malti għandu jifforma parti minn din l-istampa ġenerali.	Il-punti prinċipali huma: • l-istat ta' preservazzjoni ta' dawn il-fdalijiet • attrazzjoni turistika mill-aqwa • xebħ u differenza mal-wirt storiku Malti.

N.B. Ma huwiex mistenni li l-istudenti jkunu jafu d-dettalji kollha li jidhru fin-noti għall-għalliema. L-importanti hu li dawn ikunu kapaċi jidentifikaw dan il-wirt, ikunu jafu tagħrif bażiku fuqu u jifhmu l-importanza tiegħu.